# IL-PULIZIJA

Vol. 8, No. 2



# Kotba li jinsabu għall-bejgħ fil-Librerija tal-Pulizija

## Kodiċi Kriminali
Lm2 Membri tal-Korp

## Kodiċi ta' Liġijiet tal-Pulizija
Lm2 Membri tal-Korp

## Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili
Lm3.50 Membri tal-Korp

## F'Ġieħ il-Ħaqq — Book I
Lm1 Membri tal-Korp

## F'Ġieħ il-Ħaqq — Book II
Lm1 Membri tal-Korp

## Ġabra ta' Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) 1976-1978
(Magħżulin u miġburin
mill-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti B.A. LL.D.
għall-prezz ta' Lm2.80



Il-faċċata tad-Depot b'żewġ membri tal-Kavallerija għassa Gala fil-bieb

# Il-Pulizija

Vol 8 No. 2

MARZU 1991

ORGANU TAL-PULIZIJA

Editur: Insp. R. Zammit
Bord Editorjali:
President: Supt. J. Brincat
Membri: Insp. M. Baylin, W.P.C. 45 M. Bartolo, P.S.59, S. Galea P.C. 1319

*Ritratt tal-koperatina meħud minn*

**P.S. 112 J. SCICLUNA**

## ABBONA F'"IL-PULIZIJA"

Lm1.50 fis-sena tista' tabbona u tirċievi "Il-Pulizija" id-dar bil-posta.

Abbonamenti għandhom isiru fil-Librerija tal-Pulizija, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Furjana.

Stampat fl-Istamperija Indipendenza

## F'DIN IL-HARĠA

Editorjal ....... 2
Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ....... 3
Ittri lill-Editur ....... 4
Minn ġewwa l-Korp tal-Pulizija ....... 5-7
Minn ġrajjiet il-Pulizija ....... 8-10
Lil hinn mill-Akkademja ....... 11
Il-Pulizija Ingliża ...u jien ....... 13-14
Member of the Service ....... 15
Ħarsa lejn is-sena 1990 ....... 17, 26, 39, 40
Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ....... 19-22
The Psychological Basis of Leadership ....... 23
Bombing Incidents ....... 24
Aspetti tax-Xjenza Forensika ....... 25
Il-Karrozza ....... 27-29
Fire Service ....... 30
Paġna għan-Nisa ....... 31-32
Ir-Rużarjanti ....... 33-34
Il-Pulizija u l-Eżerċizzi Fiżiċi ....... 35
Self Defence ....... 36-38

## Editorjal

### IL-Magazine "IL-PULIZIJA"

# Il-parteċipazzjoni...

*Bħal fis-snin imgħoddija fil-bidu ta' kull sena jsiru l-elezzjonijiet fost il-membri tal-Korp sal-grad ta' spettur, sabiex tiġi ffurmata l-Assoċjazzjoni skond l-Ordinanza tal-Pulizija. Jinħatru dawk il-membri kollha nominati, oħrajn jiġu maħtura mill-Kummissarju kif tagħtih is-saħħa l-istess Ordinanza. Jiġu wkoll kostitiwiti d-diversi kumitati għal matul is-sena, bħall-Kumitat ta' l-isports, tal-Welfare u ta' l-'Entertainment'. Ta' min wieħed jagħmel osservazzjoni hawnhekk għall-fatt li ħafna huma dawk il-membri li jonqsu milli jippreżentaw ruħhom biex ikunu f'xi kumitat je wieħor, iżda matul is-sena jkunu wħud minn dawn it-talin li jikkritikaw b'mod distruttiv xi attività partikulari jew xi deċiżjoni. Ikun hemm oħrajn li bil-paroli biss jaslu li jgħidu x'kien l-aħjar li kellu jsir u lilhom ma tarahom f'xejn imkien, lanqas f'xi party.*

*Il-kritika għandha tkun u allaħares le, għax bis-saħħa tagħha jistgħu jirranġaw xi affarijiet, basta din tkun kostruttiva. Dan ngħiduh kull sena fi żmien l-elezzjonijiet u naturalment jgħodd ukoll għal din is-sena. Aħjar kull wieħed u waħda minna naraw x'nistgħu nagħmlu sabiex il-ħajja tagħna fil-korp tkun denja u fl-istess ħin niftakru li matul is-sena jasal iż-żmien ukoll meta membri tal-familja tagħna u aħna stess infittxu u jkollna okkażjonijiet ta' ferħ, iżda li kieku ma jkunx għal dawk il-ftit, li anke akkost ta' sagrifiċċji personali li ma jidhrux, jorganizzaw għal kulħadd — kieku ma jsir xejn. Għandna nżommu quddiem għajnejna li dak li dwaru ngergru matul is-sena, naraw wieħed x'jista' jagħmel għal ġid u jagħmel l-ewwel pass hu. Naturalment dak li hu obbligu tagħna, jiġifieri x-xogħol propju fil-Pulizija, irid isir u jsir bl-ikbar skruplu, biex b'hekk kull talba tagħna lill-Awtoritajiet ikollha iktar saħħa warajha sabiex tkun tista' tidher ġustifikata, imbagħad milqugħa.*

*Il-parteċipazzjoni tista' tkun f'forma differenti — dawk fil-kumitati propja, dawk li jagħtu l-għajnuna tagħhom meta meħtieġa f'attivitajiet partikulari, bil-konkorrenza attiva fid-diversi attivitajiet, kif ukoll bil-kitba f'dan il-magażin.*

*Il-magażin inżommuh ħaj u varjat kemm irridu aħna. Iktar ma wieħed jikkontribwixxi iktar aħjar, iżda jiġri li jkunu l-istess nies li jagħtu s-servizz tagħhom, minkejja x-xogħol normali. Għaldaqstant kull membru hu mħeġġeġ sabiex joffri għal pubblikazzjoni xi materjal li jidhirlu li jkun ta' interess li jidher fil-magażin.*

*RAYMOND ZAMMIT*
*Spettur*

# Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija

## Rapport mis-Segretarju P.S. 649 Saliba

Il-magazine tagħna "IL-PULIZIJA" minkejja d-diffikultajiet kollha, issa reġa' beda joħroġ. Permezz tal-magazine "Il-Pulizija" tista' issemma' leħnek. Fl-imgħoddi spiss għedna li dan iċ-ċans ftit li xejn konna nagħmlu użu minnu, ħlief għal xi erba' membri ma tantx kienu jikkontribwixxu, barra minn hekk ftit li xejn kien jinkiteb dwar il-bżonnijiet jew in-nuqqasijiet tagħna l-membri tal-Korp tal-Pulizija. Kif fl-imgħoddi ġieli semmejt hemm ħafna x'wieħed jista' jirranġa iżda ħlief tgergir bejnietna ma tismax. Li kieku dak li fil-fehma tagħna dak li hu ħażin jiġi kkumbattut permezz ta' l-uniku mezz li għandna f'idejna sabiex insemmu leħenna bil-libertà kollha mingħajr il-biża' ta' xi azzjoni mill-Awtorità kontra min ikun qiegħed jilmenta anzi fejn l-ilment ikun ġust dan jista' jolqot il-għajn u tkun tista' ssir xi ħaġa sabiex dak li jkun qiegħed jiġi kkritikat tinstab soluzzjoni ġusta fl-interess ta' kulħadd. Għalhekk nerġa' nappella lil membri tagħna sabiex jikkontribwixxu f'dan il-magazine billi jekk ikollkom xi suġġerimenti x'tagħmlu u li bihom it-tbatija tagħna tkun tista' tonqos u hekk tkun tista' titjieb l-effiċjenza tal-Korp. Inħoss li m'għandnix nistenna tifħir dwar dawk il-ħwejjeġ li jogħġbu lil kulħadd, iżda l-aktar li rridu naraw x'hemm ħażin u x'nistennew li għandu jsir sabiex dawn jiġu rimedjati. Kulħadd jaqbel li hemm ħafna xi tgħid dwar dan.

Matul is-sena li għaddiet l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija kienet impenjata l-aktar dwar ir-riforma fis-servizz pubbliku. Aħna studjajna r-rapporti li l-kummissjoni maħtura mill-Gvern għamlet dwar din ir-riforma u annalizzajna ir-rakomandazzjonijiet tagħha speċjalment f'dak li jirrigwardja lil membri tagħna. Nistgħu naċċertawkom bil-quddiem li aħna fid-diskussjonijiet tagħna mal-Kummissjoni kif ukoll mal-Gvern urejna r-riserva tagħna dwar dan ir-rapport, l-aktar meta wieħed jitkellem dwar l-iskali li dawn irrakomandaw li għandna nkunu. Jekk iridu li jilħqu l-iskop tagħhom li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna u jħajru żgħażagħ sabiex jingaġġaw fil-Korp tal-Pulizija jridu jagħmlu ħafna aktar minn hekk. Fl-iskala li poġġewna fiha ftit huma dawk iż-żgħażagħ li jitħajjru jaqbdu karriera fil-Pulizija bil-kundizzjonijiet eżistenti b'dak li rrakkomandat il-kummissjoni u l-Gvern flimkien. Meta wieħed irid jikkonsidra li aħna għadna l-uniċi ħaddiema f'Malta li m'aħniex ingawdu mill-ġimgħa ta' erbgħin siegħa, li naħdmu fil-Ħdud u Festi mingħajr ma nitħallsu żejjed għax-xogħol f'dawn il-ġranet, meta talli naħdmu bix-xift ma nieħdux allowance, kif ukoll meta naħdmu "overtime" nitħallsu bir-rata miżera ta' Lm1 is-siegħa.

Skond il-karta li ħadna xi erbat ijiem wara li ħadna s-salarju ta' Jannar li għadda għaliex fejn il-ħaddiema kollha tal-Gvern ħadu din il-karta eżatt maċ-cheque tal-paga, tagħna kienet eċċezzjoni għaliex ma sabux ħin biżżejjed sabiex ituwilna fil-ħin bħal ħaddiema l-oħra, insomma iassa ħadnija u semmejnija biss 'for the record'. F'din il-kara kien hemm imniżżel hekk: "Żgur li ndunajt li s-salarju żdiedlek. B'hekk bdiet titwettaq parti oħra mir-riforma għall-impjegati tal-Gvern, skond il-ftehim li qed jinħadem ma' l-unjons. Żidiet oħra tirċevihom fil-bidu tas-sentejn li ġejjin. F'ebda każ dawn m'huma se jkunu inqas minn Lm104. Id-diskussjonijiet ma' l-unjons qegħdin jitkomplew. **Il-Gvern qed jipproponi li s-salarju fil-pożizzjoni tiegħek ikun dan.**" Wara semma kemm kien is-salarju fl-1990, hu kemm se jkun fl-1991, 1992 u 1993. Qiegħed insemmi dan sabiex nagħmilha ċara li l-ammont tal-paga kif imsemmi aktar 'il fuq huwa dak kif ipproponа l-Gvern u mhux dak li qablet miegħu l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, peress li kien hemm xi ndividwi fi ħdan il-Korp li esklamaw li kien sar xi ftehim bejn il-Gvern u l-Assoċjazzjoni dwar is-salarji l-ġodda. Jekk il-Gvern ta impressjoni li sar xi ftehim ma' l-unjons, magħna ma ntlaħaq ebda ftehim. Hawnhekk nagħmel appell lill-Awtoritajiet sabiex jistudjaw aktar kif għandhom jintlaħqu l-għanijiet tagħna u tagħhom fejn il-Korp tal-Pulizija jkun aktar effiċjenti billi jkun vera **motivat** fid-doveri tiegħu. Kulħadd jaf għaliex din l-apatija kollha fost il-membri tagħna u n-nuqqas ta' reklutaġġ ta' Pulizija ġodda. Jekk il-Pulizija ma ttihx id-dinjità li jistħoqqlu ma jista' qatt ikollok prodott tajjeb li minnu tkun tista' tirreżisti kull tentazzjoni li tnaqqas il-ħeġġa għax-xogħol jew li tfittex xogħol ieħor.

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija qiegħda tinsisti li bħalma l-Gvern u l-Kummissjoni dwar ir-riforma fis-servizz pubbliku sabet ħin sabiex żammet diversi laqgħat ma' l-unjons oħra għandha tagħmel l-istess magħna b'aktar interess u fl-intervalli aktar spissi. Jekk ma tagħmilx dan bir-raġun kollu aħna ngħidu li mhux vera dak li qiegħed isir ikun sar wara diskussjonijiet u ftehim ma' l-unions.

Nhar is-Sibt, 9 ta' Frar saret laqgħa tal-Joint Central Committees fejn kienu rappreżentati l-erba' sezzjonijiet tal-Korp, dawn kienu rappreżentati hekk:

**Spetturi:** R. Zammit, S. Bugeja, A. Zammit, H. Harrison, C. Curmi, J. Valletta, V. Gauci, Ch. Mifsud, R. Kelly u C. Mifsud.

**Surġenti Maġġuri:** J. Mula, R. Micallef, P. Bugeja, C. Abdilla, P. Busuttil, J. Agius, L. Muscat, P. Sciberras, L. Borg u E. Schembri.

**Surġenti:** M. Saliba, C. Zammit, S. Grima, J. Attard, C. Magri, D. Saliba, S. Pulo, A. Attard, C. Felice u A. Spiteri.

**Kuntistablijiet:** D. Casha, M. Galea, J. Micallef, A. Vella, F. Caruana, N. Cutajar, P. Dingli, J. Farrugia, A. Grixti, A. Armeni, C. Degiorgio, D. Cassar, V. Bonavia u J. Galea.

Il-kumitat rappreżentattiv ta' l-Assoċjazzjoni huwa dan:

| | |
|---|---|
| President: | Insp. R. Zammit |
| V/President: | 1/SM 172 J. Mula |
| Segretarju: | P.S. 649 M. Saliba |
| A/Segretarju: | P.S. 506 C. Zammit |
| Teżorier: | P.S. 180 D. Cassar. |




**Qegħdin nippubblikaw xi ittri li rċevejna wara li erġajna bdejna noħorġu l-Magazine. Jidher li l-membri tal-Korp kif ukoll il-penzjonanti huma ħerqana li dan il-magazine tagħna jibqa' joħroġ regolarment, għalhekk hija x-xewqa tagħna li nżommu dan il-magazine ħaj. Dan isir biss jekk inthom tikkontribwixxu billi tiktbu mhux biss sabiex tgħidu kemm tixtiequ tibqgħu taraw dan il-magazine jiġi ppubblikat iżda fejn kun hemm bżonn tagħmlu l-kritika tagħkom ħalli aħna nkunu nistgħu aktar nogħġbu lil qarrejja tagħna. Kif kiteb xi ħadd fl-istampa lokali veru li l-membri tagħna ma jieħdux iċ-ċans li jiktbu, meta ċans għandu kulħadd. Li jonqos biss huwa inizjattiva min-naħa tagħkom. Mela KURAĠĠ.**

Sur Editur,

Nixtieq niffirħilkom talli erġajtu bdejtu tippubblikaw il-ħarġa "Il-Pulizija". Jien nixtieq ukoll ngħid li din il-ħarġa li tista' tgħid hi ħarġa differenti minn qatt qabel hi wkoll ta' suċċess minħabba l-fatt li għandha ħafna kummenti utli ħafna mhux biss għall-Pulizija inġenerali iżda wkoll għal tad-dar.

Għaldaqstant nixtieq nirringrazzjakom tal-paċenzja u l-ħin liberu tagħkom biex dejjem iżżommuna nfurmati u biex din il-ħarġa tkun ta' suċċess.

Nifirħilkom u nirringrazzjakom.

**P.S. 431 M. Montesin**

Sur Editur,

Jiena Joseph Tonna ex-P.C. 431 nixtieq li nġedded l-abbonamenti tiegħi fil-magazine "Il-Pulizija".

Nixtieq l-ewwelnett nirringrazzjakom tal-paċenzja li dejjem ħadtu bija biex dejjem irċevejt il-magazine.

Prosit ħafna ta' l-istampar, kitba u kull informazzjoni li jkun fih il-magazine.

Jiena għalkemm għamilt servizz qasir ta' ftit aktar minn għaxar snin, nista' ngħid li x-xogħol tal-Pulizija kien ta' sodisfazzjon, u jien nistqarr li tgħallimt.

Meta nisma min igħid kontra l-Pulizija sinċerament jiddispjaċini, u żgur li nagħmel ħilti billi nipprova nirribatti dik il-kritika.

Jiena nemmen li xogħol il-Pulizija, apparti li huwa xogħol biex igħix l-individwu nista' ngħid li huwa vokazzjoni. Kull vokazzjoni titlob xi ftit tas-sagrifiċċju. Naf li l-Pulizija jiltaqa' ma' ħafna nkwiet, biss bil-għajnuna ta' Alla u bil-għaqal tal-membri jista' jservi ħafna ġid lis-Soċjetà u b'hekk jikber l-isem tal-Korp tal-Pulizija.

Jien nirringrazzja lil dawk il-membri, mill-akbar fizjal sa l-iżgħar uffiċjal li ħdimt magħhom, u li dejjem kienu ta' eżempju tajjeb fi kliemhom u f'xogħolhom. Minn qalbi nawgura li l-Korp ikollu membri li jagħmlu unur lill-istess Korp u lil pajjiżna.

# Telephone exhchange ġdid fid-Depot tal-Pulizija

Maul il-lejl tal-5/6 ta' Diċembru, 1990, beda jaħdem l-exchange l-ġdid fid-Depot tal-Pulizija.

Din is-sistema bidel dik antika li kienet ilha tintuża għal aktar minn 25 sena u li kienet saret biċċa uġigħ ta' ras mhux biss għall-pulizija li jaħdem fil-Control Room, iżda wkoll għat-tekniċi tat-Telemalta minħabba spare parts għal P.B.X. il-qadima ma kenux għadhom isibu.

Is-sistema l-ġdida hija tad-ditta magħrufa SIEMENS OMNI u fiha ħafna faċilitajiet. Is-sistema l-ġdid hija kollha diġitali u wieħed jista' jaqbad direttament ma' "extension" oħra mingħajr il-ħtieġa li jgħaddi mill-operator. L-istess jagħmel min irid iċempel barra d-depot.

Fost affarijiet aktar importanti hemm il-faċilità ta' recording tal-"calls" li jidħlu minn barra. Hem aktar faċilitajiet u vantaġġi f'din is-sistema, iżda minħabba raġunijiet ta' sigurtà, mhux il-każ li wieħed jikteb fuqhom.

Ta' min igħid li din il-ħolma saret realtà bis-saħħa ta' l-awtoritajiet Taljani fuq talba ta' l-awtoritajiet Maltin.

Huwa ittamat li din il-ko-operazzjoni bejn it-Taljani u l-Maltin tkompli tagħti aktar frott fl-iżvilupp tal-Korp tal-Pulizija għall-ġid mhux biss tal-membri tiegħu iżda wkoll taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha.

# Minn ġewwa l-Korp tal-Pulizija ħarsa lejn is-sena 1990

**Mhux il-ħsieb li nidħol f'ħafna dettalji dwar x'hix għadda l-Korp matul is-sena li għadha kif spiċċat. L-idea wara dan l-artiklu hi li jiġi rekordjat fuq fuq l-avvenimenti ewlenin li laqtu minn ġewwa lill-Korp tal-Pulizija matul l-1990.**

Minn J.C.G.

**JANNAR**

Fix-xahar ta' Jannar daħlu l-ewwel grupp ta' Uffiċjali kadetti. Dawn kienu 8 irġiel u 3 nisa. Matul l-istess xahar kien hemm kuntistabbli li reġa' daħal lura fil-Korp. F'Jannar telqu seba' membri mill-Korp. Matul ix-xahar ta' Jannar kien hemm l-egħluq tal-Lukanda Phoenicia li għall-Korp tal-Pulizija kienet tfisser rinforzi għal bosta ġranet.

**FRAR**

Matul ix-xahar ta' Frar kien hemm sitt membri li telqu mill-Korp. Is-Sur J.C. Gauci ġie appuntat Assistent Kummissarju.

Il-kwistjoni tal-Lukanda Phoenicia baqgħet tiddomina x-xena lokali u kienet ta' aktar taħbit għall-Korp. Fi Frar ukoll kellna l-Karnival li għall-Korp tal-Pulizija huwa kkunsidrat bħala attività qawwija.

**MARZU**

Fit-30 ta' Marzu saru seba' Spetturi ġodda fil-Korp wara li għaddew minn eżami intern. F'dan ix-xahar daħlu żewġ pulizija rġiel ġodda waqt li tlieta ora reġgħu ġew "reinstated". Matul Marzu erba' pulzija rġiel telqu mill-Korp.

Matul dan ix-xahar kien hemm numru mhux ħażin ta' attivitajiet politiċi miż-żewġ partiti ewlenin. Waqt logħba football f'Ta' Qali bejn Valletta u Naxxar inqalgħu inċidenti serji.

**APRIL**

Ix-xahar ta' April fetaħ b'inċidenti serji f'Ta' Qali waqt logħba bejn il-Belt u l-Ħamrun. Saret ħafna ħsara. Bħala riżultat ta' investigazzjonijiet 23 partitarji tal-football tressqu l-Qorti.

Matul ix-xahar ta' April 14 telqu mill-Korp u ma kien hemm l-ebda ingaġġ.

F'April kellna l-visita uffiċjali f'Malta tal-President ta' l-Indja.

**MEJJU**

Fil-bidu ta' Mejju kien hemm tibdil fil-Kabinett u bħala konsegwenza l-Korp għadda taħt it-tmexxija tal-Ministru tal-Ministru Ugo Mifsud Bonnici bħala Ministru ta' l-Edukazzjoni u Intern.

Bla dubju ta' xejn ix-xahar ta' Mejju kien iddominat miż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu Ġwanni II f'Malta. Dan l-avveniment storiku kien ifisser ħinijiet twal ta' xogħol għal kważi l-membri tal-Korp kollu. Però wara li għadda kollox wieħed jista' jgħid li l-Korp tal-Pulizija wera biċ-ċar li jaf jaħdem u għax-xogħol li wettaq waqt iż-żjara tal-papa kellu tifħir kemm mingħand l-Awtoritajiet Ekklesjatiċi kif ukoll dawk ċivili. Bħala tifkira ta' din iż-żjara l-Korp ingħata bandiera li ntużat fuq il-Pope Mobile, Kallotta tal-Qdusija Tiegħu l-Papa u fuq kollox il-Barka Papali.

Matul ix-xahar ta' Mejju tmien membri telqu mill-Korp, filwaqt li ġew ingaġġati sitt membri ġodda.

Fit-13 ta' Mejju ġie mfakkar fid-Depot tal-Pulizija l-50 Anniversarju mit-twaqqif tal-"Special Constabulary". Għal din l-attività kienu mistiedna membri ta' dan il-Korp. Ġiet inawgurata wkoll lapida ta' tifkira.

Matul ix-xahar ta' Mejju kellna wkoll diversi attivitajiet politiċi.

L-uniformi tas-sajf ħadnieha fil-21 ta' Mejju, 1990.

**ĠUNJU**

Matul ix-xahar ta' Ġunju kien hemm tlettax-il membru li telqu mill-Korp, filwaqt li ma kien hemm l-ebda ingaġġ ġdid. Però l-Ispettur J.M. Abela reġa' daħal lura għal dmirijietu.

Naturalment fix-xhur tas-sajf ix-xogħol tal-Pulizija jiżdied u din is-sena ma kenitx nieqsa.

F'Ġunju kellna l-aħbar tal-għarqa tal-Yacht Esmeralda, b'erba' Maltin fuqha f'ibħra Taljani. Aktar tard tnejn minnhom Carol Calleja sid il-yacht u Manuel Grech nstabu ħajjin. L-oħrajn Wilfred Mamo u John Schembri baqgħu ma nstabux.

F'dan ix-xahar kellna wkoll il-bidu tal-Football World Cup, li din is-sena ntlagħbet l-Italja. Bħala konsegwenza l-Pulizija żdiedilha wkoll ix-xogħol tagħha minħabba dimostrazzjonijiet li bdew isiru mid-diversi partitarji tat-teamijiet.

**LULJU**

Matul dan ix-xahar kompliet il-Football World Cup li ġiet fit-tmeim tagħha fit-8 ta' Lulju.

Fl-14 ta' Lulju grupp ta' wieħed u għoxrin tfajla ġew ingaġġati fil-Korp tal-Pulizija. Fl-istess xahar ħames membri rġiel telqu mill-Korp.

Fit-12 ta' Lulju l-Korp iċċelebra l-176 Anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Din is-sena ċ-ċerimonja reliġjuża saret fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju l-Furjana. Wara nżammet parata u Silent Drill Display f'Misraħ il-Palazz, il-Belt.

Wara l-parata l-mistiedna distinti ġew fid-Depot tal-Pulizija fejn ġiet inawgurata sala ġdida li se tintuża bħala mużew tal-Korp. Din is-sala kienet restawrata minn membri tal-Korp. Wara sar riċeviment. Fl-okkażjoni tal-176 Anniversarju tal-Korp saret ġimgħa ta' attivitajiet li fost l-oħrajn kien hemm ċerimonja fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata fuq l-Oqbra tal-Korp, wirjiet f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex tas-Silent Drill, tal-Klieb, tar-Rescue Units u tal-Musical Group.

Fl-20 ta' Lulju l-pittura imprezzabbli ta' Caravaggio, "San Gelormu" inġiebet lura Malta mill-Italja u tpoġġiet għal wiri fis-sala l-ġdida fid-Depot tal-Pulizija. Il-Kummissarju nnifsu flimkien ma' Fr. M. Zerafa marru Ruma gpal din il-pittura.

Fil-21 ta' Lulju kellna l-inċident fatali tas-"Save On Supermarket" li fih tilfu ħajjithom tnejn minn nies, Ivan Demarco ta' 26 sena u M'Theresa Caruana ta' 28 sena. Dan l-inċident qajjem ferment sħiħ.

**AWISSU**

Matul Awissu għaxar membri telqu mill-Korp. Ma kienx hemm ingaġġ ġdid.

Fl-4 ta' Awissu kellna strike ta' madwar erba' sigħat mill-karrozzi tal-linja.

Fix-xahar ta' Awissu nżamm is-

GS

# GoldStar

The brightest star in electronics.

## 20" COLOUR MONITOR & VIDEO RECORDER COMBINATION




- 80 Station Presets
- 8 Events
- 1 Year Programme
- Direct Access Channel Selection and Sound Control from Remote
- 90 minutes Sleep Timer
- Can be connected to a computer

SOLE AGENTS:

# TIP TOP

REPUBLIC STREET & COLISEUM ARCADES, VALETTA. TELEPHONE: 221740

FGURA CENTRE, FGURA. TELEPHONE: 806878

*with over 25 Years' Experience in After Sales Service*

Summer Camp annwali għat-tfal tal-membri tal-orp. Din is-sena nżamm fl-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar.

Fit-30 ta' Awissu kellna attività kbira fl-Arena ta' l-Indipendenza l-Furjana bix-show ta' Tina Turner.

**SETTEMBRU**

Dan ix-xahar beda billi fl-ewwel jum tiegħu kellna vista qasira tal-Qdusija Tiegħu l-Papa. Din id-darba baqa' fuq l-ajruplan u dam Ħal Luqa ftit aktar minn siegħa.

Fit-12 tax-xahar sar tibdil fl-istruttura tal-Korp li effettwat il-karigi għoljin tal-membri tal-Korp.

Matul Settembru kellna attivitajiet politiċi miż-żewġ partiti ewlenin.

F'Settembru tnax-il membru tlequ mill-Korp tal-Pulizija, filwaqt li żewġ membri reġgħu daħlu lura.

**OTTUBRU**

Matul ix-xahar ta' Ottubru għoxrin żagħżugħ daħlu fil-Korp bħala pulizija ġodda, filwaqt li surġent ġie 'reinstated'. Fl-istess xahar tnax-il membru telqu mill-Korp. Fit-22 ta' Ottubru kellna l-visita statali tal-President tal-Ġermanja.

Fit-28 ta' Ottubru kellna żewġ attivitajiet kbar politiċi mill-partiti ewlenin.

# Ħarsa lejn is-sena 1990

**NOVEMBRU**

Fl-ewwel ta' Novembru ħadna l-uniformi tax-xitwa, però minħabba s-sħana li kienet qed tagħmel fil-5 ta' Novembru inżajna l-ġakketta u ħadna x-"Shirt Sleeve Order". Domna hekk sal-11 ta' Novembru. Fit-12 ta' Novembru ħadna l-uniformi tax-xitwa.

Matul ix-xahar ta' Novembru tmien membri telqu mill-Korp, filwaqt li sbatax-il membru ġew ingaġġati. Ġew ukoll 'reinstated' erba' membri oħra. Fid-19 ta' Novembru fil-għaxija l-karrozzi tal-linja reġgħu waqfu. Din id-darba l-istrike tal-buses dam sat-22 ta' Novembru.

**DIĊEMBRU**

Matul Diċembru tliet membri telqu mill-Korp.

Fit-12 ta' Diċembru f'Raħal Ġdid kellna d-delitt faħxi tal-koppja anzjana Briffa. Fit-13 ta' Diċembru għamel terrimot ħdejn Sqallija li nħass ħafna f'Malta u f'Għawdex.

Fil-granet tal-Milied, matul il-kampanja "Milied Hieni" imnedija mill-Community Chest Fund, membri tal-Fire Brigade tal-Pulizija flimkien ma' membri ta' l-International Fire Fighting School ta' Ħal Far, għamlu ġabra fi Triq ir-Repubblika l-Belt, Valletta. Minn din l-attività nġabret is-somma ta' Lm537.

Ta' min isemmi wkoll il-Quddiesa ta' Lejlet il-Milied li saret fid-Depot tal-Pulizija. Din is-sena, fuq inizjattiva tal-Kummissarju, għal din il-Quddiesa kienu mistiedna l-familjari u qraba ta' dawk l-ex membri tal-Korp li mietu matul l-1990.

Wara l-Quddies nkixfet rħama li tfakkar l-inċident li kien ġara f'Settembru 1984 meta żewġ membri tal-Korp, is-Surġent 19 S. Muscat u PC 759 Joseph Hare, tilfu ħajjithom fl-isplużjoni tal-patrol boat tal-Forzi Armati.

Minn dan li rajna jidher li minkejja d-diffikultajiet ta' nuqqas ta' nies il-Korp irnexxielu jlaħħaq mad-diversi mpenji li kellu.

Għal dik li hija "manpower" matul is-sena li għaddiet il-Korp żamm bejn wieħed u ieħor l-istess numru li kellu fil-bidu tas-sena.

Huwa ttamat li għas-sena li bdejna aktar membri jidħlu fil-Korp ħalli b'hekk inkunu nistgħu naħdmu aħjar għall-ġid tal-Maltin u l-Għawdxin kollha.


You have only one life to insure.

How should you choose the right company to insure it?

Before you insure your life, there's something else you really ought to ensure. For your own future peace of mind, you should make certain that the insurance company you deal with is offering just what you need.

Life assurances are many and varied. And they have different uses too.

An insurance on your life today can help you make tomorrow's dreams come true... a beautiful wedding for your daughter or grand-daughter... further education at a university overseas for your children. Or you can travel to far-off places.

Speaking of leisure, why not try to make sure now that you'll have the money to enjoy it when you retire.. Or, God forbid, for your partner to settle death duties on your estate when you're no longer around.

It's worth remembering that life insurance is probably the biggest purchase you'll ever make apart from your home.

So it's important that you get it right.

If you would like the security of well planned life insurance cover for the greater enjoyment of your life, talk it over with our broking manager Mr. Robert Baldacchino or fill in the coupon below for prompt attention.

LAFERLA Insurance Services Limited

BROKING DIVISION 15, Flat 14, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta. Tel: 242750, 224405, 235485. Fax: 236220.

We accept all the above Cards.

I/We are interested in discussing our insurance requirements regarding ________

Please ask your sales representative to contact me/us on telephone ________

Name. ________

Address: ________

________

# Minn ġrajjiet il-Pulizija
# L-Ewwel Episodju — 1813-1824

## Sensiela ta' tifkiriet mill-imgħoddi tal-Korp tal-Pulizija

Miġbura minn Lorry Muscat

Nipprova nagħti fil-qosor il-ġrajjiet tal-ħdax-il sena li l-furtuni ta' Malta ġew fdati f'idejn Sir Thomas Maitland jew kif kien magħruf King Tom.

Is-sena 1813 kienet sena ta' era u ta' ħajja ġdida għall-poplu tal-gżejjer tagħna. Għalkemm l-Ingliżi kienu ilhom jamministraw il-gżejjer sa mill-bidu tas-seklu 1800, huma ħallew l-istess liġijiet u amministrazzjonijiet li kien hawn fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann.

Wara li ġie iffirmat it-Trattat ta' Pariġi fl-1813, li b'dan it-Trattat Malta ġiet magħrufa uffiċjalment bħala Protettorat tar-Renju Ingliż, il-Gvern Ingliż beda jiċċaqlaq, għax kien interessat fil-gżejjer Maltin biex ikollu forza fil-Mediterran; għalhekk bdew jitfasslu liġijiet u sistemi ġodda.

Dak iż-żmien il-Kap tal-Gvern kien it-Tenent Ġenerali Oakes, iżda dan kien marid serjament qabel tfaċċat il-marda tal-pesta. Huwa kien jaf li saħtu ma kenitx tippermettilu li jikkumbatti l-gwaj li kien resaq lejn il-gżejjer Maltin, konsegwenza ta' din il-marda tal-pesta.

F'April ta' 1813, huwa kiteb lis-Segretarju ta' l-Istat Ingliż kemm fuq saħħtu u kemm fuq il-pożizzjoni tal-gżejjer. Fl-ittra tiegħu ma naqasx li jsemmi li l-pesta kienet qed tinxtered b'ħeffa kbira fil-Mediterran u li f'inqas minn xahar il-gżejjer kienu se jkunu milquta minn din il-marda qerredija (li wieħed 'il quddiem jagħti dettaljatament l-istorja tagħha u l-ħidma tal-pulizija li kellha dak iż-żmien).

Il-Gvern Ingliż kien imħasseb ħafna fuq il-periklu li kien reisaq lejn il-gżejjer Maltin; għalhekk beda jaħseb biex jibdel mill-aktar fis lil Oakes. Huma riedu bniedem ta' karattru qalil, enerġiku u ta' fehma soda biex imexxi l-gżejjer fil-battalja li kienet riesqa; biex jintlaħaq dan il-għan bħala suċċessur tiegħu ħadd ma setgħa jkun jekk mhux Sir Thomas Maitland, bniedem li kellu l-kwalitajiet kif xtaqu. Sadattant Oakes konxju minn neċessit'a li jorganizza l-Korp tal-Gwardji Ċivili u biex jagħti s-saħħa u l-qawwa għal operazzjoni ta' din il-ħtieġa, u kull taqsima ta' l-Istabbiliment tal-Pulizija li fuqha essenzjalment tiddependi ż-żamma u t-twettiq ta' bosta liġijiet u regolament tant neċessarji għas-saħħa pubblika, ħass li huwa xieraq u sewwa sakemm iddum din iċ-ċirkostanza preżenti ta' niket u ta' dwejjaq, li għamel dawn l-arranġamenti.

1. L-Amministrazzjoni ġenerali tal-Gwardji tal-Pulizija u tal-Korp Ċivili jaqa' f'idejn Spettur Ġenerali li jkollu s-setgħa u l-awtorità ta' Maġistrat Superjuri tal-Pulizija.

2. L-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija għandu jirċievi l-ordnijiet u istruzzjonijiet mingħand il-Kummissarju Ċivili tal-Majesta Tiegħu (il-Kap tal-Gvern), li lilu għandu jissottometti rapport ta' kuljum rigward id-dispożizzjoni tal-Gwardji rispettivi fid-Distretti differenti; u jindika fid-dettal kull okkorrenza straordinarja li setgħet tissuċiedi l-ġurnata ta' qabel jew matul il-lejl.

3. L-Ispettur Ġenerali għandu joħroġ dawn l-ordnijiet u regolamenti għall-amministrazzjoni interna ta' dan il-Korp, kif jidhirlu li jkun aħjar u xieraq u ta' għajnuna għas-servizz pubbliku.

4. L-Ispettur Ġenerali jkollu l-poter mill-applikazzjoni xierqa ta' l-imsemmija Forza Armata, u f'każ li jkollu bżonn ta' aktar għajnuna f'xi emerġenza meħtieġa, huwa awtorizzat li jsejjaħ għal dik l-assistenza Militari kif jidhirlu neċessarja.

5. L-Ispettur Ġenerali għandu s-setgħa li jimpjega nies li jħaddimhom fuq kwalunkwe xogħol kif jidhirlu xieraq; u li ebda persuna ma tista' tinkiteb fir-roll ta' xi wieħed mill-Korpi fuq imsemmija mingħajr l-approvazzjoni tiegħu.

Il-persuna nominata mill-Eċċellenza Tiegħu għal din il-kariga għolja u mportanti huwa l-Lutenent Kurunell Francis Rivarola.

(Din in-notifikazzjoni ppubblikata fit-3 ta' Lulju, 1813).

Il-Pulizija taħt idejn il-Kurunell Rivalora ġiet wiċċ imb' wiċċ mar-realtà tal-fatti. L-ewwel xogħol li kellu jagħmel kien li jikkumbatti l-marda tal-pesta u jirrinforza l-liġijiet tal-kwarantina, biex il-postijiet infettati jiġu iżolati. Huwa beda jimblokka t-triqat li jwasslu għal dawk l-irħula milquta bil-pesta, biex jippreveni li n-nies ta' rħula oħra milli jidħlu f'dawn l-irħula nfettati.

Dak iż-żmien il-Pulizija ma kienux jilbsu uniformi, iżda kienu jiġu identifikati billi kienu jilbsu xabla imdendla ma qaddhom, lembuba u pistola.

Id-Deputat tal-Kurunell Rivalora kien l-Kaptan Baron Muller Friedberg.

## SIR THOMAS MAITLAND

Fit-3 ta' Ottubru, 1813, wasal Malta Maitland u assuma r-responsabbiltajiet ta' Gvernatur tal-gżejjer Maltin l-għada tal-wasla tiegħu, meta l-pesta kienet fl-aqwa tagħha. Kif Maitland beda jmexxi l-gżejjer Maltin, mill-ewwel induna li s-sistema tal-Qrati, il-Pulizija u l-amministrazzjonijiet l-oħra kollha li kien hawn kienu għadhom bl-għanqbut ta' żmien żemżem.

Il-Gvernatur Maitland fetaħ era ġdida mhux biss fil-Korp tal-Pulizija, iżda beda jirriforma li sferi kollha tal-ħajja Maltija. Peress li l-marda tal-pesta baqgħet tinxtered, huwa għajjat lit-tobba kollha fost ħafna kwestjonijiet magħhom, biex jittieħdu dawk il-passi neċessarji biex din il-marda tiġi mrażżna.

Ma tistax tikteb fuq il-Korp tal-Pulizija u ma tassoċjax magħha lil Maitland; li kien hu li għamel l-ewwel riformi u organizza lil Korp tal-Pulizija u għamlu Korp rispettat bħala tali.

## ORDINANZA XXII TA' 1814

L-Amministrazzjoni Ċivili f'Malta, kienet imqassma f'diversi dipartimenti u fosthom kien hemm ukoll il-Pulizija, li l-ħidma tagħha dak iż-żmien tal-marda tal-pesta bl-għajnuna ta' l-Armata kienet iebsa ħafna, għaliex kienu joħorġu ħafna regolamenti u miżuri iebsin bil-għan li l-epidemja ma tinxteridx mal-gżejjer Maltin.

Barra minn dan Maitland ħa ħsieb li jneħħi dawk l-ammin-

istrazzjonijiet antikwati li kienu separati f'diversi kmandi u li kienu responsabbli mit-tmexxija tal-gżejjer Maltin. Fl-1814, il-Kastellan; il-Kap tal-Virga; Imħalfin; Maġistrati; l-Avukati Fiscale ta' Malta u Għawdex, ħadd minnhom ma skappa mill-attenzjoni tiegħu.

Kien jidher li l-Pulizija tal-gżejjer tagħna kienu amministrati minn ħafna kapijiet u li kull wieħed kellu l-proċeduri u s-sistemi tiegħu dwar kif imexxi lin-nies ta' taħtu, u li l-fehmiet tagħhom la kienu jaqblu bejniethom u anqas kienu stabbli u mingħajr għan ta' tmexxija. Il-Gvernatur Maitland konsegwenza ta' dan, ħa ħsieb biex jelimina dawn il-ħafna kapijiet inkarigati mill-amministrazjoni. Għalhekk fl-ewwel ta' Lulju, 1914, ippubblika l-Ordinanza XXII, fejn il-Kastellan; il-Capitano di Verga u l-kapijiet l-oħra kollha mit-12 ta' Lulju, ġew aboliti.

Il-Gvernatur ordna wkoll li l-Pulizija minn dik id-data 'l quddiem għandha tkun imqassma f'żewġ dipartimenti; dak tal-Pulizija Eżekuttiva u dak Ġudizzjarju.

Il-Kap tal-Pulizija Eżekuttiva kellu jkun Spettur Ġenerali u dak tal-Qori jkunu Maġistrati ta' Malta u dak ta' Għawdex.

L-Ispettur Ġenerali, kellu jieħu ħsieb li jsiru arranġamenti għal dawk in-nies li kienu mpjegati ma' dawk il-kapijiet li ġew aboliti u anke dawk in-nies li kienu se jsiru mpjegati fil-Pulizija li ma kenux bdew ix-xogħol tagħhom.

Il-poter tad-dipartiment eżekuttiv kien dak li qabel kien taħt il-Kastellan, il-Capitano di Verga u l-amministrazzjonijiet l-oħra kollha li kienu ġew aboliti. Il-Maġistrati kellhom jieħdu ħsieb dak kollu li kien jirrigwarda l-Qrati, li kienu f'idejn l-amministrazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq.

Il-Pulizija Eżekuttiva kellha d-dritt li tarresta lil persuni kollha ħatja ta' xi delitt jew ksur tal-liġi (Regolamenti tal-Pulizija). Il-persuna arrestata kellha d-dritt li tidher immedjatament quddiem il-Qorti biex tiġi ġudikata, imma f'ebda każ il-persuna ma setgħet tinżamm mill-Pulizija għal aktar minn jumejn mingħajr ma tidher quddiem il-Maġistrat. Meta l-Pulizija kienet tasal biex tressaq lil imputat quddiem Maġistrat, kien id-dmir tagħha li tipproduċi kull xorta ta' provi konnessi mal-każ, iżda jekk ikun hemm bżonn li s-smiegħ tal-kawża jiġi aġġornata għal ġurnata oħra, il-persuna arrestata ma setgħetx tinżamm għal aktar minn għaxar tijiem li jibdew mill-ġurnata li deher l-ewwel darba quddiem il-Maġistrat.

Fl-opinjoni tiegħi din il-klawsola tal-liġi kienet waħda ġusta li qatt kellha l-Qorti ta' Malta.

Jekk il-Maġistrati jkollhom provi suffiċjenti tal-każ biex il-persuna arrestata tkun tista' titressaq quddiem il-Qorti Suprema Kriminali, iridu fi żmien tliet tijiem jinformaw lil Avukat Fiscale (Avukat Ġenerali) bl-inkjesta li tkun saret fuq il-persuna mressqa quddiemha u jagħtuh id-dokumenti rilevanti kollha konnessi mal-kbar. Minn dak il-ħin 'il quddiem jibda x-xogħol legali ta' l-Avukat Fiscale biex il-persuna arrestata tiġi mressqa quddiem il-Qorti Suprema (ippublikata fit-13 ta' Lulju, 1813).

## STABBILIMENT TAL-PULIZIJA EŻEKUTTIVA

It-tmexxija tal-Korp tal-Pulizija kellha tkun taħt id-direzzjoni ta' l-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija, li jirċievi l-ordnijiet mingħand il-Gvernatur direttament.

L-Ispettur Ġenerali u l-Uffiċjali taħt il-kmand tiegħu, kellhom il-poter u l-awtorità li jwaqqfu l-ġlied, irvellijiet, ksur tal-paċi pubblika u li jaqbdu l-ħatja; lil dawk suspettati ta' xi delitt jew offiżi serji kontra s-soċjetà; lil vagabondi, u dawk li jgħixu ħajja ta' għażż; diżonesti (roques) brikkuni u lil dawk suspettużi li jkunu jiġġerrew bil-lejl mat-triqat.

L-Ispettur Ġenerali kellu l-awtorità u l-poter li jiddeieġi u jirregola lil lukandiera; ħwienet tax-xorb; ta' l-Imbid; tal-kafe u l-ħwienet l-oħra kollha, u lil dawk il-persuni li jżommu żwiemel, karrettuni, kalessi għal kiri u oħrajn li għandhom il-liċenzja.

Kellu l-awtorità u l-poter li jwaqqaf u jakkuża lil kull barrani li jidħol fil-gżejjer Maltin mingħajr id-dokumenti meħtieġa. Huwa mifhum li dawn il-poteri ngħataw biex tiġi stabbilità l-ordni pubblika u t-trankwilità u min-naħa l-oħra biex titheffef il-ġustizzja. L-Uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva, ġew mogħtija direttiva, li meta jaqbdu lil xi ħadd li jkun għamel xi delitt, ikun x'ikun id-delitt li jkun sar, u li persuna tkun se tiġi akkużata fuqu għandu mingħajr dewmien u fl-inqas żmien possibbli jressqu quddiem il-Maġistrat tad-Distrett fejn ikun sar id-delitt li kkommetta; kemm jekk jikkastigah, jew jibgħatu meħlus, jew jekk jissottomettih għall-ġuri quddiem il-Qorti Superjuri Kriminali, u jagħmilha ċara u li tiftiehem, illi l-ebda persuna jew persuni ma għandhom jinżammu fil-kustodja tal-Pulizija Eżekuttiva għall-perjodu ta' aktar minn tmienja u erbgħin siegħa, mill-ħin ta' l-arrest tal-persuna mingħajr ma tinġieb quddiem il-Maġistrat.

Il-Maġistrat kien awtorizzat u kellu l-poter li jagħmel inkjesta fuq kull ilment li jsir quddiemu mill-persuna miżmuma fil-kustodja tal-Pulizija Eżekuttiva li nżammet għal aktar minn tmienja u erbgħin siegħa, mingħajr ma tkun tressqet quddiem il-Maġistrat. Il-Maġistrat kellu l-poter li jikkastiga lil kull min għamel din l-offiża. Wieħed jinnota li ħafna minn dawn l-Artikoli tal-Liġi għadhom eżiżtenti sal-lum. (Ordinanza maħruġa fl-1 ta' Lulju, 1813).

## L-ISTMI GĦAS-SALARJI TAL-PULIZIJA

Qabel ma ġew il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann hawn Malta, milli jidher ma hemmx tagħrif dokumentat rigward il-pagi u s-salarji tal-Pulizija bħala tali, għalkemm hemm reġistrat il-pagi dovuti lis-suldati (l-Armata), li kienu jagħmlu x-xogħol tal-Pulizija (żbirri).

Fi żmien il-Kavallieri, jissemma xi ħaġa bħala ħlas konness mal-Pulizija. Il-Pulizija tal-villaġġi kellhom l-'Capitano di Notte' (simili għal sotto-spettur tal-lum), id-dħul tal-paga tiegħu kien ikun mill-multi li jeħlu l-ħatja. Il-Kap tal-Pulizija kien jitħallas erbgħa (4) scudi fix-xahar (madwar 32ċ tal-lum), u kien jieħu sehem ukoll mill-multi li kienu jeħlu mill-Qorti. (V5.N4)

Din is-sistema ta' ħlasijiet damet għal ħafna snin, sakemm ġew l-Ingliżi, li fil-bidu ta' l-amministrazzjoni tagħhom anqas kienu nteressati li jimmodifikaw din is-sistema ta' perkaċċi.

## TREASURER'S ACCOUNTS

Kif Maitland ħa t-tmexxija tal-gżejjer f'idejh, kien bil-ħila tiegħu li stabbilixxa sistema ta' "treasurer's accounts".

Dawn l-'accounts' li huma simili għall-"Vot ta' Stima" għan-nefqa rikorrenti tad-Dipartimenti tal-Gvern, jew aħjar il-'budget' li jiġi diskuss fil-Parlament ta' kull sena. Wieħed josserva li jew għax is-sistema parlamentari kienet għadha ma' bdietx tiffunzjona, jew għal xi raġuni oħra,, it-talba għan-nefqa tas-salarji u l-ispejjeż li jkunu se jsiru mid-dipartimenti kienet issir mill-Gvernatur Maitland personali lit-Teżorier tal-Gvern, li dak iż-żmien kien Thomas Fyers, biex joħroġ is-somma kapitali għal din in-nefqa kull xahar għall-impjegati tad-diversi diparimenti tal-Gvern Ċivili ta' dawn il-gżejjer. Skond dawn it-'treasurer's accounts" ma jidherx li s-salarji kienu jiġu speċifikati għal kull impjegati tal-gvern, bħal ma tkun il-'paylist' iżda kienet tiġi mitluba somma ta' kull xahar

li tkopri s-salarji u l-ispejjeż kollha ta' kull dipartiment tal-Gvern. Dak iż-żmien id-dipartimenti tal-gvern kienu jikkonsistu fi 15-il wieħed, s'intendi fosthom kien hemm dak tal-Pulizija Eżekuttiva.

It-talba għan-nefqa kienet tiġi pubblikata kull xahar f'"manoscritt" imsejjaħ 'treasurer's accounts'; skond dawn l-ewwel talba li saret mill-Gvernatur Maitland għall-'warrant' ta' ħruġ għall-flus tas-salarji kienet għax-xahar ta' Ottubru, 1814. Fl-iskeda hawn taħt, hemm spjegat l-ammonti ta' flus li ġew maħruġa mit-Teżorier tal-Gvern għad-dipartiment tal-Pulizija Eżekuttiva, għat-tliet xhur ta' 1814. Ottubru-Diċembru, u l-ewwel sitt xhur tas-sena 1815, Jannar-Ġunju.

Wieħed jinnota d-differenza enormi li saret fis-salarji tal-Pulizija matul l-175 sena li ilu mwaqqaf għaż-żmien tal-lum.

In-nefa għas-salarji u l-ispejjeż kollha li kien hemm fid-disa' xhur 1814-15 kienet: Lm1,715.79ċ3m.

In-nefa proposta għas-sena 1990. għas-salarji inklużi l-ispejjeż kollha ta' matul is-sena hija ta' Lm4,400,000.

**SKEDA**

| Xahar | Salarji | *Spejjeż fissi | *Spejjeż spontanji |
|---|---|---|---|
| Ottubru, 1814 | 1282 scudi 2 tari (Lm102. 57ċ) | 1663 scudi 9 tari (Lm133.6ċ) | 1176 scudi 4 tari (Lm94.2c.3m) |
| Novembru | — do — | 2378 scudi 5 tari (Lm190.27ċ4m) | 422 scudi 3 tari (Lm25.78ċ) |
| Diċembru | — do — | 2341 scudi 3 tari (Lm187.29ċ8m) | 318 scudi 9 tari (Lm24.49ċ7m) |
| Jannar, 1815 | — do — | 2227 scudi 11 tari (Lm178.22ċ.4m) | 154 scudi 2 tari (Lm12.34ċ.3m) |
| Frar | 1277 scudi 11 tari (Lm102.23ċ3m) | 2222 scudi 2 tari (Lm177.76ċ2m) | 119 scudi 4 tari (Lm9.54ċ.5m) |
| Marzu | — do — | 2219 scudi 10 tari (Lm177.58ċ4m) | 146 scudi 11 tari (Lm11.75ċ3m) |
| April | — do — | 2229 scudi 11 tari (Lm178.39ċ3m) | 171 scudi 5 tari (Lm13.71ċ6m) |
| Mejju | — do — | 1592 scudi 9 tari (Lm127.25ċ5m) | 114 scudi 6 tari (Lm9.16ċ1m) |
| Ġunju | — do — | 1522 scudi 7 tari (Lm121.80ċ8m) | 541 scudi 6 tari Lm43.31ċ.7m) |

Nota: * (fixed contingencies expences)
* (unfixed contingencies expences)
Il-figuri fil-parentesi juru l-flus kurrenti.



ATTARD & CO.
67 South Str., Valletta. Tel: 237555, 220804

# Lil hinn mill-Akkademja

Minn P.S. 112 J.M. Scicluna

Fl-aħħar snin saru ħafna tibdiliet għall-aħjar fil-Korp tal-Pulizija. Il-ftuħ ta' l-Akkademja kien wieħed mill-iktar avvenimenti mportanti fl-istorja tal-Korp. L-iskop ewlieni ta' l-Akkademja jidher li qed jintlaħaq għaliex minn dan il-post min jitla' t-taraġ tal-kors akkademiku jilħaq il-quċċata ta' l-effiċjenza f'xogħolu. Almenu hekk suppost. Kuntistabbli irġiel u nisa, fizzjali, u saħansitra gwardjani ġodda tal-ħabs ħadu t-tagħlim neċessarju tagħhom mill-Akkademja f'Sant' Elmo. Kull membru tal-Korp li jispiċċa l-kors tiegħu jibda jxerred l-għasir il-frott hekk kif jibda xogħolu fil-post il-ġdid. Ikun fejn ikun, sew jekk kuntistabbli, Surġent jew fizzjal, dan żgur se jkollu kuntatt dirett mal-pubbliku.

Min-naħa l-oħra ċ-ċittadin għandu kull dritt jitlob l-assistenza tal-Pulizija iżda fuq kollox għandu kull dritt jiġi ttrattat ta' bniedem li jħoss. Sfortunatament, insibu li l-atteġġjament ta' xi wieħed mill-membri tal-Korp lejn il-pubbliku ikun xi wieħed goff u mingħajr l-ebda sens ta' edukazzjoni.

Il-membri li jimxu b'dan il-mod, u b'għajb kbir insibu wkoll xi fizzjal, li dawn il-membri huma biss waħdiet, li iżda jkun biżżejjed biex il-poplu Malti, mogħni bid-don (jew bis-saħta) tal-preġudizzju, jittimbra l-korp kollu b'aġġettivi koroħ.

Il-membru ġdid tal-Korp tal-Pulizija jrid jitgħallem jilbes il-ġlekk ta' dak il-bniedem li ġie l-għassa tal-Pulizija wara li ntebaħ li ibnu kien qed jieħu d-droga; irid jieħu paċenzja b'dik ix-xwejħa li marret tirrapporta xi ħaġa żgħira iżda li setgħet kellha konsegwenzi psikoloġiċi ħżiena fuqha; irid jigdem ilsienu meta xi persuna inkwetata u rrabjata tidħol l-għassa bir-rawħa f'ħalqha; irid iżomm ukoll lura minn ċerti provokazzjonijiet li jsirulu minn min forsi jkollu ħsibijiet ulterjuri biex iġarrbu.

Min-naħa l-oħra, meta l-Pulizija tkun qed taqdi dmirha trid tersaq lejn iċ-ċittadin bl-edukazzjoni; bħal fil-każ ta' Road Block wieħed jippretendi li l-Pulizija tersaq ġentilment lejn is-sewwieq u titolbu d-dokumenti tas-sewqan u tal-karrozza bil-"jekk jgħoġbok" u bil-"grazzi" wara li dawn id-dokumenti jiġu eżaminati. Anke fil-każ fejn il-Pulizija tagħti biljetti ta' ksur ta' kontravenzjoni m'għandix tintuża arroganza jew ċertu mod ta' aggressjoni. B'dan wieħed ma jfissirx li l-membru tal-Korp li jkun fil-fatt qed jaqdi d-doveri tiegħu m'għandux iżomm id-dekor tiegħu u ta' l-uniformi li jkun liebes. B'daqshekk lanqas għandna nifhmu li dan il-membru tal-Korp għandu jkun servili.

Imma l-iktar ħaġa li ddejjaq lil min jaraha hija dik il-forma ta' żegħil u tap-tip fuq l-ispallejn waqt xi marċ tal-Ħadd fil-għodu meta xi partitarju nofsu mneżża u nofsu xurban jibda jidgħi, jistieden lil tal-Banda l-oħra għal ġlied, u fl-istess ħin juża aġġettivi xejn sbieħ fuq il-qaddis/a li għalih imsemmija l-Banda rivali. Kif semmejna iktar 'il fuq, 'Il-Pulizija' qatt m'għandha tkun servicili, qatt m'għandha tilgħaq lil ħadd u m'għandhiex għalfejn taħsibha darbtejn biex tarresta lil min jipprova jitkessaħ u jaqla ferment fil-festa tar-raħal. Wieħed irid ukoll jammetti li din tal-festa hija biċċa xogħol iebsa u wieħed irid ikun ġarrabha biex jista' jifhem id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-Pulizija f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Wieħed irid ukoll juri l-apprezzament għax-xogħol żejjed li tieħu l-Pulizija fil-ġimgħa sħiħa ta' marċi li nagħmlu fil-bliet u l-irħula tagħna.

Dawn il-fatti li semmejna s'issa huma l-ħajja ta' kuljum tal-Pulizija. Minn żmien għall-ieħor il-Pulizija ssib ruħha f'sitwazzjonijiet fejn ikollha tieħu paċenzja kbira, bħal meta jassistu għal xi reat li jkun twettaq. F'każ ta' serqa d-derbat ikun fuq ix-xwiek biex isib l-oġġetti li nsterqulu, ikun ukoll iddispjaċut għall-azzjoni li rċieva. F'każ bħal dan wieħed jinduna kemm għandna investigaturi hawn Malta meta min jinzerta fid-dar (inkluża z-zija u n-nanna) jibdew jagħtu l-verżjoni tagħhom ta' kif saret is-serqa.

Dan il-proċess ta' investigazzjoni jilħaq l-ogħla livell tiegħu meta jaslu fuq il-post l-esperti tal-marki tas-swaba mis-sezzjoni tal-Forensika. Il-qraba preżenti jew id-derubat innifsu jibdew jiffittaw bla heda lil povru espert tal-marki tas-swaba u saħansitra jibda jurih fejn seta' ħalla l-marki tas-swaba min wettaq is-serqa.

F'każ ta' ħabta serja bejn żewġ vetturi l-Pulizija issib l-ikbar diffikultà biex tikkontrolla mhux it-traffiku, iżda lin-nies kurżitarji li jinġemgħu bi ħġarhom fuq il-post ta' l-inċident u mill-ġdid kulħadd jibda jagħti l-verżjoni tiegħu jekk mhux ukoll jikkundannaw il-ħati fuq il-post.

Min-naħa l-oħra l-kollaborazzjoni tal-pubbliku f'ċerti każi hija essenzjali ħafna biex il-Pulizija twettaq ix-xogħol tagħha u tasal biex issolvi xi każi. Wieħed jippretendi li meta persuna tipprova tagħti informazzjoni lil Pulizija permezz tat-telefon, min iwieġeb it-telefon għandu juża ċertu etikett. M'għandha ssir l-ebda mistoqsija dwar l-identità ta' l-individwu u fl-istess ħin għandu jintwera apprezzament u gratitudni għall-interess li l-persuna tkun ħadet biex tgħin lil Pulizija.

Forsi aħna l-Maltin għadna wkoll neqsin mill-inizjattiva iżda f'ċerti każi nsibu wkoll li min ipprova jċempel lil Pulizija ġie mnaffar bil-mod kif ġiet ittrattata din it-telefonata.

Minn żmien għall-ieħor naraw u nisimgħu kif bi ftit inizjattiva, din id-darba min-naħa tal-Pulizija, l-istess Pulizija rnexxielha jkollha riżultat pożittiv fix-xogħol tagħha. Mhux l-ewwel darba li nsibu li ċerti membri tal-Korp iridu jiġu mbuttati biex ibillu subgħajhom fix-xogħol.

Din l-attitudni trid tinqata' u jrid jinġibed ħabel wieħed biex il-Pulizija tkun aktar effiċjenti u biex il-poplu Malti jkollu fiduċja sħiħa fil-Korp.

Wara kollox kulħadd huwa uman u għax aħna bnedmin kulħadd suġġett għall-iżball. Għalhekk kienet deċiżjoni għaqlija ta' min ivvinta, u dan l-aħħar min reġa' daħħal il-motto tal-Pulizija "DOMINE DIRIGE NOS".


STAY IN TOUCH ON THE MOVE
AT A PRICE THAT WON'T SWITCH YOU OFF.
MOTOROLA
Storno
PORTABLES and MOBILES
For details of the new range of portable and mobile two-way radios from Motorola contact your dealer.
Available in Malta from:-
P.A.L.
PACE ASSOCIATES LTD.
The Right Connection
31, HIGH STREET, HAMRUN
Tel: 231077 - 231082 - 247111 Fax: 243627
After Sales Service Guaranteed


CORSA
MANIA
STARTING FROM Lm3180
STARTING FROM Lm3180
STARTING FROM Lm3180
Look at Opel now!
OPEL
BACKED BY THE WORLDWIDE RESOURCES OF GENERAL MOTORS
United Automobile Limited 66 Gzira Road, Gzira Tel: 314630, 314636/7

# Il-Pulizija Ingliża ......u jien

**Tliet stejjer żgħar umoristiċi ta' Eddie Bonnici Soler, ex Assistent Kummissarju li rtira mill-Korp fl-1961 u mar joqgħod l-Ingilterra fejn kompla jaħdem — xogħol ieħor — sa xi tliet snin ilu meta rtira wara iżjed minn ħamsin sena minn meta daħal fil-Pulizija fl-1934.**

**Għadu joqgħod l-Ingilterra, kuntent fl-atmosfera konservattiva, kuntent li Malta qed tagħmel tant progress għal ġid ta' kulħadd, u bl-isperanza li jerġa' jara Malta, il-membri tal-familja tiegħu, kif ukoll, naturalment in-numru kbir ta' ħbieb, speċjalment dawk li kienu fil-Korp fi żmienu.**

## RITORN URĠENTI LEJN MALTA

Sentejn wara li kont tlaqt minn Malta, hija ċempilli minn hemm u qalli li l-mama tagħna kienet ħażin, infatti fil-port tal-mewt. Miskina riedet tarani: naturalment, b'għafsa kbira ġo qalbi, għamilt li stajt biex immur ħdejha mill-iktar fis, kelli ntir filgħaxija stess; nel mentri stajt neħles biċċa xogħol importanti u urġenti, ħadt kikkra kafe biss, dħalt fil-karrozza, konfuż u inkwetat minħabba dik l-aħbar ta' tant swied il-qalb, soq għal xi tliet kwarti imma moħħi ma kienx fuq is-sewqan, infatti mingħajr ma naf f'daqqa waħda sibt ruħi qed insuq wisq iżjed mill-ispeed limit. Immedjatament bdejt insuq kif kien xieraq. Imma, mhux wisq wara moħħi reġa' ħadni elf mil bogħod, sibt li kont qed nikser anki t-"traffic lights" b'periklu kbir tiegħi u ta' l-oħrajn. Taħt iċ-ċirkostanzi dak kien jonqosni; u mhux biss anke b'riskju tal-liċenzja Ingliża tas-sewqan.

Dak il-ħin irraġunajt li l-aħjar mod kien li nibqa' nsuq u ndur l-ewwel kantuniera, seta' kien hemm xi ħadd li joħodli n-numru tal-karrozza, hekk għamilt. Imma... distanza xejn żgħira mill-kantuniera sibt ruħi wiċċ imb'wiċċ ma kuntistabbli f'nofs it-triq li għamilli s-sinjal biex nieqaf. Ma stajtx nifhem... għajnejn dak il-pulizjott ma setax idur l-kantuniera u jaraw il-mod li jien kont ksirt il-liġi. Moħħi beda jdur lest biex isolvi mill-aħjar li jista' dik il-problema u dak li kien se jgħidli.

"Excuse me sir," qalli "there isn't one sign but two signs at the corner saying 'no right turn'," u tella żewġ swaba fl-ajru.

X'kont se ngħidlu? Fil-pront ġieni "brain wave" u rrispondejtu daqs kemm kieku kont Taljan li ma jafx bl-Ingliż "Zorri, you quicklee spik ingleex, pleess wat?" Irripeta dak li kien qalli u b'hekk tagħni ftit żmien ieħor x'naħseb. "Zorri," erġajt igħidtlu, "no ondersstond — you two fingers up... vi? Is not that in England nowtie sign?" Immedjatament niżżel idejh u qalli "Don't you see that you..." Itterrompejtu u għedtlu "Skuz me, you mean sea... water?"

"Noo," irrispondini b'vuċi għolja, u fil-pront għidtlu "I back go reverse?" "Noo" reġa' għajjat "you forward go hell"... u b'hekk bqajt sejjer dritt.

P.S. Iffrankajta Sur Eddie però ftakar li mhux dejjem tiġik tajba meta tilagħbha ta' l-ors.

## BRIGHTON

Kuġina tiegħi ġiet mill-Awstralja biex tara l-oħta, membri oħra tal-familja u ħbieb li joqogħdu l-Ingilterra. Kriet karrozza biex tmur 'l hawn u 'hemm, u ġurnata minnhom stidnitni biex immur naħa Brighton għax xtaqet terġa' tara dik ix-xtajta famuża. Meta wasalna, ma stajniex insibu l-ebda post fejn stajna nipparkjaw il-karrozza, forsi għax kien il-Ħadd u ġurnata sabiħa tas-sajf. Wara ħafna, sibna ruħna ma parti tax-xatt b'numru kbir ta' arkati mal-ġemb, wara filata żgħira ta' karrozzi fil-ħdidu tat-triq, ma kienx hemm lanqas biss waħda ipparkjata f'dik il-parti tax-xatt kollu għalhekk ikkunsidrajna ruħna verament fortunati li sibna dak il-post, però meta saqet għan-nofs it-triq biex tirriversja u tipparkja ħdejn l-aħħar karrozza, indunajt li kien hemm "stand" tal-Pulizija li kien igħid: "Parking up to here". Bdejt inħokk il-qara u ma rnexxilix nipperswadiha — dehrilha li wara kollox il-wiċċ ta' karrozza waħda ma kenitx se tagħmel ebda differenza għalhekk poġġiet li "stand" ftit passi bogħod ħdejn il-karrozza tagħna. Eżattament f'dak il-ħin indunajt li iżjed 'il fuq fit-tarf tat-triq kien hemm kuntistabbli wieqaf b'bicycle ħdejh iħares lejna. Meta rajtu jirkeb għad-direzzjoni tagħna, dħalt niġri fil-karrozza u għidtilha b'dak il-kuntistabbli għalhekk għidtilha ukoll biex taparsi konna miżżewġin qegħdin nargumentaw u niġġieldu bejnietna u biex nitkellmu bil-Franċiż.

Meta kuġinti rat il-pulizjott viċin, bdiet b'vuċi għolja: "Qui croix tu que tu est? Je suis te femme — Je sois que Jeanette est amoreuse de toi." Tektik beda fuq il-ħġieġa tal-ġemb b'subgħajn wieħed imma ma tajniex każ. Kompliet "Tu n'est pas mieux d'un cochon, Je te divorcesais" "Non stai ragionando" irrispondejta b'vuċi għolja "le cose non sono come li stai vedendo tu, infatti". Dak it-

tektik b'dak is-subgħajn reġa' beda iżjed għat-tul, imma ma tajniex każ, u komplejt ngħidilha b'rabja, "Din il-ġelożija tiegħek minix se nittollera. Mela stajt jekk per eżempju, ngħidlek li għandi tnax-il tifel illeġittimu?"

It-tektik kompla u kuġinti fil-pront daret fuqu u b'wiċċ qares qaltlu "As tu autre chase a faire? La plag est la, va nager."

Mingħajr dubju, il-kuntistabbli minbarra li kien veru minn tagħna kien lingwist ta' prima klassi: fehem dak li konna għednilu, ħa l-parir tagħna, telgħa fuq il-bicycle u mingħajr ma qalilna kelma, baqa' sejjer lejn ix-xatt il-baħar biex jieħu dik l-għawma kif kienet issuġġeritlu kuġinti.

Dħakna u dħakna, u ma stajniex nieqfu. Imma... l-istorja ma spiċċatx hemm: Kuġinti, bi dmugħ neżlin minn għajnejha neħħiet il-"brake" tal-karrozza mingħajr ma riedet, u b'hekk il-karrozza bdiet nieżla għal nofs it-triq. Ma' l-ewwel ħriġt niġri biex inżomma imma fil-pront għaddiet karrozza oħra mgħaġġla minn quddiemna u d-driver, bir-raġun kollu, għajjat u bgħatna għand ix-xjaten, kellimna bl-Ingliż ċar. Hu veru li jekk tidħak wisq, tispiċċa tibki.

## ZAKKARIJA ZOKRA

Riċentement ħriġt mid-dar biex nagħmel ix-xirja tas-soltu, u waqaft fil-viċin nistenna l-"Bus", għadda kuntistabbli anzjan fuq bicycle, ħares lejja u qalli "Aye Charles, so long." Jien fil-pront irrispondejtu "So long, John," allavolja ma kelli l-ebda idea min kien jew li qatt kont kellimtu, iżjed u iżjed li kien jismu John. Però bdejt niddubita jekk wara kollox kont diġà ltqajt miegħu u nsejt wiċċu, billi hu soltu tiegħi nieqaf nitkellem ma' membri tal-Pulizija.

Xi ġimgħa wara l-istorja irrepetit ruħha bħal qabel... "Aye Charles"... "So long John", naturalment taħt iċ-ċirkostanzi jien ma stajtx nieħu dak kollu ħlief b'ċajta. Għaddew ftit ġranet oħra meta John reġa' tfaċċa, imma din id-darba, bil-mixi mingħajr bicycle, u akkumpanjat minn Pulizzjotta, issalutajna lil xulxin b'dawk iż-żewġ ismijiet fittizji u beda biex igħidli, "I say, you know very well that my name is not John" "and on my part, my name is not Charles," igħidtlu immedjatament. "Soo..." kompla jgħid, "you have now changed your name from Charles I don't really blame you after such a long spell inside. What are you now calling yourself." Mill-espressjoni ta' wiċċu u l-mod kif kien qed ikellimni ikkonvinċejt ruħi li kien żbalja l-identità tiegħi, u għaldaqstant ma kienx qiegħed jaċċajta.

Jien mil-lat l-ieħor komplejt iċ-ċajta u żidt ngħidlu "Tanto per":- "You should know that I'm not related to or have had any dealings with the Kray brothers at Broadmoor, for all that, you seem to know my full pass story." Kien evidenti li ried ikun jaf iżjed fuqi, infatti reġa' għamilli l-istess domanda.

"Of course, I know who you are only too well, but I would very much like to know your new name."

"If I tell you that my name is Zakkarija Zokra, I would be breaking the law: I've done nothing wrong to disclose as much to your."

"Right," kompla jgħid, "I can see you are well dressed, what are you up to now?"

"That I will answer," irrispondejtu "I am studying narcotics like cannabis, heroin, cocaine, haxix, opium and similar; in the meantime, I am after the best way to counterfeit currency notes."

"I'll be," itterrompa u proprju f'dak il-ħin ir-radio żgħir li kellu fuqu beda jibbażżja. Irrisponda u baqa' jissemma attentament għal dak li kienu qed igħidulu mill-għassa, wara li qalilhom "Yes, yes," xi erba' darbiet, żied "Rightaway, we're on our way."

Dar fuqi malajr malajr u qalli: "I'll be seeing you," u telaq mgħaġġel mal-pulizjotta li kellu miegħu.

"So long John," irrispondejtu malajr.

Sa issa ma erġajtx iltqajt miegħu, verament, tkun ċajta ħelwa jekk fl-aħħar mill-aħħar l-istorja tispiċċa b'Zakkarija Zokra miżmum ġewwa.


# MALATA

## Bar and Restaurant

**Palace Square, Valletta – Tel: 233967**

Daily Service from:

10.30 a.m. — 2.00 p.m.
and
5.00 p.m. — 10.00 p.m.

***Visit us for Ravioli and Maltese Dishes***

# Member of the Service

By M.E.

**I am a member of the Malta Police Force, and serve the Island twenty-four hours each and every day. I am the front line to the public, the lowest rank of the ladder of the Police Force 'the Constable on beat'.**

The day was sworn in, I promised to uphold the Constitution of Malta, to serve the Republic, and to protect life and property. I also acquired a new last name of the 'Police' and lost many of my friends due to rotating hours a bit of jealousy towards what I represent, and a bit of restraint because of my occupation. I and many other police officers entered the police for the challenges of the street. I the back of my mind, I knew that we would not all make retirement. Some of us would be hurt. Some would quit. Some would give up their lives during the service period.

Now, each and every day, I take on other occupation temporary. I become a marriage advisor to an arguing couple, a doctor for the sick and injured, an information guide for questioning citizen. I am supposed to know all and see all. I am constantly helping people through the most difficult times in their lives.

They call me when they are sick, robbed, lost or in danger, and in many other ways and, I can never turn my back on them. I must never show fear, even in the most hazardous situations. I must never cry or show emotions, because I am their strength. I must notify them of their loved one's death and console them. I know the horror they will experience seeing their loved one as a victim of a crime or a tragic accident, but little do they know it will be part of the nightmares that will keep me awake in the nights to come.

I have taken a job that is like no other. To err is human for everyone else. If I make a mistake, it may cost me a lot. If I make an administrative or procedural error or forget to wear my hat for example, I am liable and can be penalized by the department, having to forfeit several hours "or days' wages as penance for a minor infraction.

My name is not Starsky, and my partner is not Hutch. I use a weapon as a defensive tool to stop deadly physical force, if and when the need arises. If I use the weapon I must be subjected to the investigations of the department. **"I do not plan my tour of duty and the events that are to take place."** I take necessary action and hope for the best.

My job allows be to take away the freedom of people who violate the law, but in the same respect, I am forced to help the same person tomorrow who attempts to harm me today.

When people try to harm me, I try to understand that they do not dislike me personally, but rather what I represent. My job places undue pressure on my family. I posses a job that carries a high risk of stress. On-the-Job stress shortens my life expectancy to more less 58. My family lives is unending fear that when they say goodbye to me as I leave to begin my tour of duty they might hear that I've got hurt and a hundred other thoughts.

I must not let my wife become the scapegoat of the negativeness which might see during my Tour of Duty. I must change to the person my children call me 'father'. I must protect their innocence and slowly introduce them to reality of the world in which I live.

I drive a company car, but I am underpaid and seldom thanked. I have to grin and bear the most gruelling situations and despite the hazards and pain, the crities and the crime, I like this job so much that I will return tomorrow; I am a member of the Police Force.

# Contacts between our Members and the British Police Force



## The Maltese connection

ON a recent visit to Malta, Mr. Dick Dunn, 19 Bryngwdig, and his sister Mrs. May Davies, Stepney Road, tried to trace a penfriend of Mrs. Dunn's daughter Christine.

The penfriends had been corresponding to each other for many years.

On finding the bus route to the village of Zurrieq, and boarding the bus, a young lady passenger said that she too was writing to a friend in Burry Port and it was discovered that she was Pamela Evans, who lives at 44 Ardwyn.

That was a very pleasant coincidence.

On arrival at Zurrieq, they went to the Police Station, where the Sergeant and Station Officer was most helpful. After telephoning for some time they found the address on a new estate to which Sgt. S. Abela took them by car. They had a lovely welcome from this Maltese family, who were very friendly people. Mr. Dunn and Mrs. Davies are greatly indebted to Sgt. Abela for his great help.

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

TELEPHONE 41132-40111

CABLES: LIMESTONE

# Ħarsa lejn is-sena 1990

## Fl-assenza li kellna tal-Magazine għal matul is-sena 1990, nixtiequ nagħtu ħarsa lura dwar il-ġrajjiet ta' matul is-sena.

**18.1.90** Kienu saru l-elezzjonijiet għal ħatriet ta' l-Assoċjazzjoni u l-kumitati l-oħra.




**15.2.91** L-Assoċjazzjoni kienet preżenti għal-laqgħa ta' Djalogu li l-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, il-Profs. Guido de Marco kellu fis-Sala Vilhena mal-pubbliku.

**20.2.90** L-Assoċjazzjoni kellha laqgħa mal-Kummissarju.

**14.3.90** Is-Segretarju ta' l-Assoċjazzjoni P.S. 649 M. Saliba rtira mill-kariga u minfloku nħatar 2/SM 72 R. Micallef.

**13.4.90** Bħala parti mill-attivitajiet tal-Għid l-Entertainment Committee organizza ħarġa għat-tfal membri fejn ġew meħuda jaraw il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira f'diversi parroċċi.

**15.4.90** Fis-Sala Vilhena nżamm il-party tal-Għid għat-tfal u filgħaxija nżamm dinner dance fil-lukanda Suncrest.

**26.4.90** Filwaqt li f'Malta kien hawn ċirklu Taljan, l-Entertainment Committee organizza ħarġa għat-tfal u attendew waħda mill-wirjiet flimkien ma' numru żgħir ta' tfal mill-istitut tal-Creche.









**25-27/5/90** Iż-żjara mistennija f'Malta tal-Qdusija tiegħu l-Papa Ġwann Pawlu II. Matul din iż-żjara l-membri kollha kienu f'xi ħin jew ieħor xogħol iżjed mis-soltu, oħrajn kienu wkoll xi ftit aktar minn sħabhom. Iżda kulħadd għamel l-almu tiegħu u xogħol il-Pulizija f'din l-okkażjoni kienu suċċess u ġie apprezzat mill-awtoritajiet lokali kif ukoll dawk Taljani. Kull membru ngħata rikordju taż-żjara u l-Korp ġie regalat b'tifkira.

⇨ għal paġna 26

*Available from:*

**The Sound Machine**

15 Paola Square, Paola — Tel: 777423

**SAMSUNG**
**GOODMANS**
**WECONIC**
**PLAYBOY**

SAMSUNG



**Maxi Quartz Ltd., Fgura – Tel: 691103**
**Telefax Servicing – Tel: 777423**

## Kelmtejn mill-President

Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

L-għan ewlieni tal-Għaqda tagħna hija sabiex inkattru sens ta' ħajr lill-membri bħala rikonoxximent tas-servizz li taw lill-Korp tal-Pulizija u lill-pubbliku in ġenerali. Mela meta wieħed jispiċċa mill-Korp dan il-membru għandu jħossu sodisfatt bis-sehem sħiħ li jkun ta lill-pajjiżu għażżammatal-bon ordni u għal dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tmexxija għaqlija f'dak li jikkonċerna l-ħajja ta' kull jum.

Il-Pulizija Pensjonant iħoss ruħu sodisfatt anke billi jagħti xi parir, żgħir kemm hu żgħir, lil dawk ir-rekruti li, mingħajr ma jkollhom l-ebda tort, huma neqsin mill-esperjenza tal-pajja u aktar u aktar f'dik li tippartjeni l-esperjenza polizjeska. Hawn nixtieq nappella lill-qarrejja li jaqgħu f'din il-kategorija ta' rekruti (kif ukoll dawk li qed jattendu l-Akkademja tal-Pulizija) sabiex lill-ex-membri tal-Pulizija jagħtuhom widen meta, mingħajr ma wieħed ikun irid, joffrilhom xi parir siewi sabiex il-Kuntistabbli ġdid jagħraf imexxi sewwa l-impenn mogħti lilu mis-superjuri tiegħu. U min-naħa l-oħra l-Pensjonant ma jridx ikun supperv mal-Kuntistabbli ġdid iżda jagħdru u jiftakar li darba kien bħalu.

Għal dan l-iskop qed isiru sforzi kemm minn din l-Għaqda u kemm min-naħa ta' l-awtoritajiet tal-Korp sabiex jerġa' jkollna "Police Social Club" fejn iż-żgħir jista' jitħallat mal-kbir liberalment u dan żgur li jwassal għal aktar ftehim għar-rigward tat-tmexxija tal-Korp bejn il-membri tiegħu stess kif ukoll aħna l-Pensjonanti nistgħu nkunu ta' ġid kif espremejt ruħi hawn fuq.

**A.J. Saliba**
President

# L-aħħar diskors tal-President Lorry Muscat

Il-lum ltqajna biex il-kunsill jagħti rendikont tal-ħidma li għamel matul dawn l-aħħar sentejn; barra minn dan iltqajt magħkom biex insellimilkom għall-aħħar darba bħala President tal-Għaqda.

Kull bidu għandu t-tmiem tiegħu, hu min hu, u hu x'inhu, hekk ukoll il-lum wasal it-tmiem tal-kariga tiegħi ta' President tal-Għaqda wara ħdax-il sena mit-twaqqif tagħha. Ħdax-il sena ilu hawnhekk ma ġembna ltqajna għall-ewwel darba biex nippruvaw nifformaw għaqda għalina l-ex membri. Bdejna triq li qatt qabel ma wasalna biex ikollna xi ħaġa li tista' tfakkarna li darba konna fil-Korp tal-Pulizija.

Għalkemm fl-impressjoni ta' ħafna mill-ex membri sħabna jidhrilhom li l-Għaqda qatt ma waslet imkien, iżda aħna konxji għal dak li għamilna mil-limitazzjonijiet li għandna għall-ġid u r-risq tal-pensjonanti, iżda kull bidu huwa iebes, għax din minn ewl id-dinja li meta jkun se jsir xi ħaġa sabiħa u tajba dejjem ikun hemm diffikultajiet u jinqalgħu problemi sakemm l-għan jiġi aċċettat; iżda bir-rieda ta' l-ewlenin ex-membri, twarrbu dawk l-intoppi u l-qtiegħ il-qalb biex wassalna l-Għaqda li tkun magħrufa għal dak li hija l-lum. L-ewwel inizjattiva li kienet ittieħdet ovvjament biex ikollna lokal fejn niltaqgħu, b'arranġament ma' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija akkwistajna uffiċċju, iżda dan wara żmien ġie magħluq u għadna s'issa qegħdin f'diskussjonijiet ma' l-Awtorità tal-Pulizija biex nakkwistaw uffiċċju għall-użu tagħna.

Primarjament l-għan tal-Għaqda kien filantropiku biex ngħinu lill-anzjani morda b'mod speċjali dawk 'bed ridden', billi jsiru żjarat fid-djar privati tagħhom jew fejn ikunu rikoverati, iżda maż-żmien xi membri bdew iressqu x'ilmenti lil Kunsill biex jiġu diskussi mal-Gvern, għal dan l-iskop ġiet maħtura kummissjoni biex tieħu ħsieb li l-ilmenti li tirċievi tressaqhom quddiem l-awtoritajiet konċernati, safejn wieħed jaf mhux dejjem kellna riżultat kif mixtieq; għalkemm tressqu lmenti kemm individwali u kemm kollettivi. Kummissjoni oħra kienet dik li tieħu ħsieb il-morda u wieħed jista' jgħid li kienu diversi żjarat li saru lill-anzjani morda, u li żżomm relazzjoni tajba mal-għaqdiet filantropiċi; bħal M.M.D.N.A.; Y.V.S.O.; 'welfare committee' u oħrajn. Ma rridx ninsa nsemmi l-Iskema ta' Għajnuna li minnha ibbenefikaw diversi romol ta' l-ex membri, sfortunatament ma baqgħetx tiffunzjona konsegwenza ta' nuqqas ta' finanzi.

Ġew maħturin kummissjonijiet oħra biex jkunu jistgħu jgħinu lil ex-membri. Waħda minnhom kienet dik rekrejattiva biex torganizza attivitajiet rekrejattivi biex l-anzjani jitħeġġu jipparteċipaw fihom, biex iħossu li għadhom jagħmlu parti mis-soċjetà. Kienu ġew maħtura żewġ delegati li għadhom sal-lum, biex joqgħodu fil-kumitat tas-'social club' kif ukoll inħatar bord editorjali, biex jieħu ħsieb li jippubblika 'News Letter' u wara fil-magazine 'Il-Pulizija'. Ħadna ħsieb ukoll bi ftehim ma' l-Uffiċjal inkarigat mill-M.H. Association, (tal-mejtin), li nressqu xi lmenti li kienu qegħdin isiru mir-romol ta' l-ex-membri. Dan qed ngħidu biex l-ex membri kollha jkunu konxji għall-ħidma li saret minn dak il-ftit membri li mingħajr ħlas jew kumpens, offrew il-ħin liberu tagħhom għall-benefiċċju ta' l-ex membri sħabna.

Kieku kull pensjonant jagħmel xi ħaġa żgħira biex igħin lil sħabu kieku żgur li jkollna għaqda kbira.

Ma baqagħlix xi ngħid aktar, ħlief li għall-aħħar darba nirringrazzja lil sħabi tal-Kunsill għall-għajnuna li tawni matul dawn il-ħdax-il sena biex stajt immexxi l-Għaqda 'l quddiem. Nawgura lil President il-ġdid is-Sur Anthony Saliba kull success fit-tmexxija tiegħu; jiena ċert li huwa mhux nieqes minn dik l-abbiltà u l-kapaċità li jista' jmexxi l-Għaqda 'l quddiem.

Aħna npoġġu l-futur tal-Għaqda taħt il-Presidenza tiegħu, għax fiduċjużi li bl-inizjattiva li għandu ċertament l-ex membri anzjani sħabna jkollhom ħabib ieħor minn igħinhom.

Fl-aħħarnett insellem lil dawk l-ex membri fundaturi tal-Għaqda u lil membri kollha li ma għadhomx magħna. Nitlob lil membri preżenti li jżommu żewġ minuti silenzju b'qima u rispett lejn dawn sħabna li ma għadhomx magħna.

# Rapport Amministrattiv għas-Sena 1990 mis-Segretarju Onorarju Louis Muscat

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

Sur President, Membri tal-Kunsill u membri ħbieb,

Mill-aħħar Konferenza Ġenerali ta' l-1988 il-Kunsill iltaqa' sitt darbiet u l-attendenza tal-membri kienet sodisfaċenti. Naturalment ikun hemm xi membri li għal xi raġuni valida ma attendewx xi seduti. Ikolli nibda dan ir-rapport bil-fatt li għalkemm ma għandniex post fiss, xorta sibna mezzi sabiex nagħmlu l-laqgħat tagħna u ta' dan nirringrazzjaw lill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija talli pprovdietilna l-uffiċċju tagħhom. Nibda biex ngħid li matul dawn is-sentejn l-Għaqda wettqet ħafna xogħol fejjiedi u fost oħrajn konna ħadna parti fil-festi tal-Police Week li fihom membri minn tal-Għaqda ipparteċipaw.

Fost ix-xogħol li sar mill-Għaqda kienet il-proposta li saritilna sabiex naraw x'possibiltajiet hemm biex nidħlu membri ma' l-M.M.D.N.A. Wara li ndagajna din il-proposta deħrilna li mhux vijabbli li nidħlu. Filwaqt li nixtieq ngħid li kellna turija ta' apprezzament minn familjari tal-membri kif ukoll minn membri stess rigward, per eżempju, iż-żjarat li l-Kummissjoni Morda tagħmel matul iż-żmien. Naturalment meta tkun f'Għaqda bħal tagħna tiffaċċja wkoll id-diżappuntament, fosthom kellna l-fatt li l-permess li kellna mill-Awtoritajiet tas-Saħħa sabiex inkunu nistgħu nżuru lil sħabna morda fl-isptarijiet, dan ma ġiex imġedded għalkemm għadna nittamaw li xi ħaġa ssir għal ġid ta' kulħadd. Wieħed mill-iżjed diżappunti li kellna kien il-fatt tal-famuż Police Klabb. Filwaqt li saru ħafna attentati min-naħa tal-Għaqda tagħna sabiex naraw insibux xi post addatat sal-lum jidher li l-interes min-naħa l-oħra, tal-Kumitat tal-Klabb immexxi mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, mhux daqstant qawwi; però aħna xorta qed nagħmlu dak kollu possibbli forsi xi darba naslu. Naħseb li kull membru jifhem li l-Għaqda mhix f'pożizzjoni finanzjarja tali li nistgħu nikru post għalina waħedna. Nixtieq li l-lum insemmi l-fatt li ġie li qed nirċievu ittri minn barra minn Malta minn ex-membri tal-Korp li japprezzaw ix-xogħol fejjiedi u senza nteressi li tagħmel l-Għaqda. Kellna talba sabiex jintbagħat il-magazine "Il-Pulizija", però aħna dan se ngħadduh lill-Kumitat li jmexxi dan il-Magazine u nisperaw li jibgħatuhomlom. U la qiegħed insemmi l-Magazine "Il-Pulizija" irrid ngħid li ġejna nfurmati li rigward il-ħarġa li jmiss hemm xi ntoppi. Aħna nisperaw li dawn jiġu megħluba u minn hawn nappellaw lill-Awtoritajiet tal-Pulizija sabiex jaraw li dan il-Magazine tant popolari kemm mal-penzjonanti kif ukoll ma' l-istess membri tal-Korp ikompli joħroġ u niftakru li dan iservi ta' ħolqa bejn l-Għaqda u l-Korp. Għax bħalma jaf kulħadd fik il-pagna li fiha konna ngibu l-intervista kienet żgur tinteressa lil kulħadd għax kienet isservi ta' nostalġija lil ħafna nies li jarawha. Nisperaw li din il-problema tiġi riżolta mill-aktar fis.

Nitkellmu issa mil-lat posittiv u nibda biex insemmi l-fatt li s-Sur Zerafa qed ikun għad-dispożizzjoni tal-Penzjonanti darba fil-ġimgħa fl-Uffiċċju tal-Police Association u ta' dan aħna nirringrazzjawh. Ħaġa oħra tassew ta' min ifaħħarha kienet il-liġi li għaddiet fejn jirrigwarda dawk il-membri tal-Korp li jkunu rtiraw bil-pensjoni, issa jistgħu jgawdu din il-pensjoni avolja jkunu f'xi mpjieg. Ta' dan aħna bgħatna ittra ta' ringrazzjament lill-Onor. Ministru tal-Finanzi Dr. G. Bonello de Puis.

Tajjeb li ngħid bħas-soltu li l-Għaqda ħadet parti fiċ-ċerimonji li jsiru fuq l-oqbra ta' sħabna li ħallewna. Kellna wkoll l-okkażjoni li norganizzaw is-solita "Get Together" u ġejna onorati bil-preżenza ta' l-ogħla awtoritajiet tal-Pulizija. Aħna hawn nirringrazzjawhom mhux biss tal-preżenza tagħhom imma anke għal fatt li din tiġi sponsorjata mill-istess Korp. Però nixtieq li nsemmi l-fatt li xi ħaġa bħal din l-attendenza għal xi raġuni jew oħra ma tkunx dik mixtieqa.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja l-ewwel u qabel kollox lil sehibna l-President tal-għajnuna kollha li dejjem sibt minnu u ta' l-entużjażmu li juri lejn l-Għaqda; nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Kunsill u lil sħabi membri li mingħajrhom ma konna naslu mkien. Ma rridx nispiċċa dan id-diskors mingħajr ma nerġa' għal darb'oħra nagħmel appell lill-Pulizija Penzjonanti kollha jiġifieri mill-Uffiċjali sa l-"Other Ranks" sabiex jissieħbu magħna għax wara kollox huma kollha jafu li l-Għaqda tagħna mhix xi "Trade Union" imma l-iskop tagħna huwa filantropiku u iżjed minn hekk li nżommu dak il-kuntatt bejnietna li ma jifhmu ħadd jekk ma jkunx membru fil-Korp."

Nirringrazzja lil kulħadd.

# Diskors ta' l-egħluq mill-President Anthony Saliba

Membri tal-Kunsill, Membri ħbieb,

Għan-nom tiegħi u tal-membri kollha tal-Għaqda nixtieq nirringrazzja lil Lorry Muscat għall-ħidma fejjieda tiegħu tul dawn l-aħħar snin.

Dan għogbu jibqa' jagħti s-srvizzi tiegħu f'din l-Għaqda billi nħatar "Liaison Officer" bejn l-Għaqda u l-Korp tal-Pulizija. Ta' dan aħna wkoll nibqgħu nafuhulu. Grazzi Lorry.

Nirringrazzja wkoll lil membri tal-Kunsill għall-fiduċja li wrew fija. Nirringrazzja lil membri preżenti għax bl-attendenza tagħhom jagħmlu kuraġġ kemm lili u kemm lil membri kollha tal-Kunsill biex l-Għaqda tibqa' għaqda u timxi 'l quddiem.

Nitlobkom sabiex tħajru kull ex-membru sabiex jingħaqad magħna fl-Għaqda u b'hekk insaħħu l-għajta tagħna met ajkun hemm bħonn li nsemmu' leħenna.

Intom mitlubin sabiex tressqu lmenti dwar dak li jirrigwarda pensjoni u ħwejjeġ oħra anċillarji kif ukoll suġġerimenti anke lili personali. Nittama li mill-ftit ħin li jibqagħli liberu nkun nista' nagħti ftit minnu għall-ħtiġijiet tal-Għaqda u l-membri tagħha kollha.

Grazzi.

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

# Stqarrija Finanzjarja — 1989

Nibda biex ngħid li n-nuqqas ta' klabb qiegħed ifixkel il-ħidma, kemm rekrejattiva u soċjali tal-Għaqda u kemm finanzjarja. Meta l-membri kien ikollhom fejn jiltaqgħu kienu jiġu organizzati diversi attivitajiet; biex barra li l-ex membri ma jintelqux u ma jinqaflux fi djarhom bħall-eremiti, kien ikun hemm ċertu dħul li minnu kienu jibbenefikaw l-istess membri u l-anzjani morda, iżda l-aktar importanti li dawn l-ex membri ma jitilfux dak il-kuntatt li jsir bejniethom.

Dan in-nuqqas serva wkoll biex numru minn sħabna jonqsu milli jħallu l-kontribuzzjoni tas-sħubija, għalkemm dan il-ħlas huwa ta' milleżmu kuljum.

Aħna nsostnu li skond l-Istatut tal-Klabb, meta dan jinbiegħ l-Għaqda għandha jkollha rikumpens mill-bejgħ, biex tkun f'pożizzjoni li takkwista lokal fejn tkun tista' tiġbor lil membri; wieħed jistaqsi: f'liema assoċjazzjoni jew għaqda li ma għandux fejn tlaqqa' lill-membri tagħha?

Irrid ngħid li għalkemm l-'Iskema ta' Għajnuna' li minnha kienu jibbenefikaw il-membri morda u r-romol ma baqgħetx tiffunzjona konsegwenza ta' nuqqas ta' fondi, però l-quddiesa b'suffraġju għal kull membru li jmut baqgħet issir f'xi orfanatrofju. Qabel nagħlaq irrid nirringrazzja lil seħibna l-ex President, is-Sur Lorry Muscat għall-interess u l-ħidma kbira li tani fix-xogħol tiegħi b'risq l-ex membri kollha; kien hu li nkoraġġini biex nieħu l-kariga li għandi ta' Segretarju finanzi fil-bidu li l-Għaqda ġiet ifformata, u b'hekk inħoss li jiena wieħed mill-fundaturi tagħha. L-apprezzament tiegħi jmur ukoll għal dawk sħabi li b'xi mod jew ieħor matul is-snin li għaddew offrewli l-għajnuana tagħhom. Fl-aħħarnett nawgura lis-Sur Anthony Saliba, il-President il-ġdid fil-ħidma ġdida tiegħu; u lil dawk kollha li jagħtu l-għajnuna tagħhom b'risq l-ex membri sħabna b'mod speċjali dawk anzjani morda.

**BALANCE SHEET — 1989**

| | |
|---|---|
| Income | Lm119.81 |
| Cash in hand | 26.00 |
| Total | 145.00 |
| Payments | 96.00 |
| Balance in hand | 49.00 |
| Deposit Acc. — BOV | |
| Fixed | Lm584.34 |
| Current | 594.80 |
| Deposit by cheques in 1989 | 6.00 |
| | 27.83 |
| Total Amount | 1212.97 |

**Vincent Zahra— Seg. Finanzi**

# Konferenza Ġenerali

Fil-Konferenza Ġenerali li saret fl-20 ta' Mejju 1990, ġie maħtur Kunsill ġdid għall-1990-1992, kompost minn dawn il-membri:

**Presidenti Onorarji:** Is-Sur Alfred Calleja, Kummissarju tal-Pulizija; is-Sur Lorry Muscat, is-Sur Carmel Bugeja.

**President:** Is-Sur Anthony J. Saliba.

**Viċi President:** Is-Sur Joe M. Borg.

**Segretarju:** Is-Sur Louis Muscat.

**Assistent Segretarju:** John B. Azzopardi.

**Segretarju Finanzi:** Is-Sur Vincent Zahra.

**Membri:** Is-Sinjuri George Bristow, Emmle Cutajar, Gerald Galea, Nazareno Gouder, Michael Marshall, Richard Mercieca, Joe Monreal, Louis Vella.

**Awdituri:** Is-Sinjuri Anthony Aquilina, Liberat Pace.

**Profil**

# Il-Maġġur John Grech

Il-Maġġur Grech fi żmien il-gwerra kien surġent fid-Distrett tal-Water Police, minn dejjem kien smart u dixxiplinat. Huwa kien igawdi rispett mhux mill-O.Rs biss iżda wkoll mir-rankijiet għolja tal-Pulizija.



Il-Maġġur Grech kien eżemplari u leali lejn id-doveri tiegħu li kien jaqdi skruplużament; fix-xogħol tiegħu kien prattiku ħafna speċjalment meta kien jiffaċċa l-pubbliku.

Rigward l-Għaqda tagħna, għalkemm dan l-aħħar ma kienx joħroġ middar, iżda nistgħu ngħidu li kien konxju għall-ħidma u l-attività li kienet issir, qatt ma naqas milli jħallas is-sħubija għalkemm kien eżenti minn dan konsegwenza ta' l-età.

Il-Maġġur Grech kien jieħu nteress ħafna fil-magazine 'Il-Pulizija', kull meta konna nżuruh ma kienx jonqos milli jitkellem fuqu, filwaqt li kien japprezza ħafna żjarat li konna nagħmlu għandu, sinċerament ngħidu li kemm bħala membru tal-Għaqda u kemm bħala ex-membru tal-Korp tlifna ħabib sinċier, u żgur li għall-qalb tajba li kellu l-Ħallieq Divin jippremjah.

Għan-nom ta' l-ex membri sħabi nagħtu l-kondoljanzi lill-familjari tiegħu.

Il-Maġġur John Grech, daħal fil-Korp bħala riservista fit-28.4.1921; bin-Nru. 409; Konfermat 3rd Class fil-1.11.21 u sazzjonat 'W' Div.; konfermat 2nd Class 1.4.27 baqa' 'W' Div.

Promoss Surġent fl-1.4.31; konfermat 2nd Class fis-16.9.34 u baqa' l-'W' Div.; konfermat 1st. Class fl-10.11.44, u ġie stazzjonat C.I.D.

Promoss Surġent Maġġur 2nd Class, fil-11.10.46 u stazzjonat is-Central District; fil-11.11.55 ġie stazzjonat bħala Maġġur fis-C.I.D. fejn baqa' stazzjonat sat-28.12.60, meta rtira misservizz bl-età.

Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

# Intervista ma' ex-Kuntistabbli Nru. 14 Michael Mercieca

**Biex tikkonkludi s-sensiela ta' Intervisti ma' ex-membri tal-Korp tal-Pulizija Għawdxin, l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti qegħdha f'din il-ħarġa ixxandar fil-qosor ir-raba' u l-aħħar intervista ma' l-ex Kuntistabbli Nru. 14 Michael Mercieca.**

Il-lum il-ġurnata Mikiel Mercieca għandu l-età venerabbli ta' 90 sena, u joqgħod f'Nru. 17 Pjazza Tomba, Victoria.

Mistoqsi meta daħal fil-Korp tal-Pulizija, Mikiel qalilna li fl-1917, meta kellu xi 20 sena, kien inkiteb biex jidħol bħala Kuntistabbli u fil-fatt, wara xi żmien, bagħtu għalih u għamel xi żmien għassa mat-tankijiet f'Birżebbuġa. Serva wkoll fil-Kottobera, u mbagħad ġie trasferit il-Furjana, iżda wara sentejn bagħtuh ġewwa Għawdex.

Mistoqsi x'jiftakar mill-inċidenti tas-Sette Giugno, 1919, Mikiel qal li dakinhar ta' l-irvellijiet huwa kien jagħmel parti minn rinforz żgħir ta' pulizija, ta' madwar 20 ruħ meta kienu ordnawlhom joqogħdu għassa "Stand-By" mal-bieb magħluq tal-Biblijoteka, il-Belt, liema bini pubbliku kellu ħafna kotba u dokumenti prezzjużi.

Ex-P.C. Mercieca kompla: "Ħlief għal dawk is-sentejn li għamilt għassa Malta, il-kumplant tas-servizz tiegħu qattajtu fil-gżira ta' Għawdex, u hawn dort ftit irħula, u ċioè għamilt żmien żgħir fis-Sannat, kif ukoll ix-Xlendi, l-Għarb, ix-Xewkija u fl-aħħar ir-Rabat, minn fejn spiċċajt fid-19 ta' Jannar, 1949, fl-età ta' 49 sena."

**Domanda:** "Kien hemm xi okkorreza mhux tas-soltu li fiha kont imdaħħal inti matul is-servizz tiegħek f'Għawdex?"

**Tweġiba:** "Darba kien hemm raġel,



ċertu wieħed imlaqqam 'Il-Lempuxa', minn ta' Kerċem u dan kien qed jistgħad u waqa' l-baħar u sab ruħu f'diffikultajiet u għereq. Jiena kont tellajtu mill-baħar. Darba oħra, waqt li kont għassa ġewwa l-Għarb, kien sar delitt b'xi arma tan-nar, iżda fuq dan il-każ ftit jew xejn għadni niftakar."

**Domanda:** "NixtieqU nafu xi ħaġa fuq id-dixxiplina fi żmienek."

**Ex-P.C. Mercieca:** "Fi żmieni d-dixxiplina kienet ferm aktar serja, għax il-maġġoranza tal-membri, speċjalment l-Other Ranks, kienu ddixxiplinati minn qaddishom. Kien hemm serjetà kbira u l-poplu kellu timenza mill-Pulizija. Biex inbillu griżmejna b'naqra kafe' filgħaxija, lil sid il-ħanut konna ngħidulu biex it-tazza jpoġġiha fuq mejda ħdejn il-bieb ta' barra u meta l-kafe' kien jibred konna naqbdu t-tazza u nixorbu l-kafe' malajr mingħajr ma noqogħdu nitlajjaw ġewwa l-ħanut!"

Meta rtira mis-servizz, Mikiel Mercieca kien għamel xi żmien jagħti daqqa t'id lil familjari tiegħu li kellhom ħanut tal-ħwejjeġ.

Mistoqsi fuq il-passatemp, huwa qal li l-aktar li kien iħobb kienet xi diskursata fuq il-baħar, is-sajd u l-ħut.

L-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ttemm din is-sensiela ta' intervisti ma' erbgħa ex-membri Għawdxin, billi tawgura lis-Sur Mikiel Mercieca ħajja aktar twila u feliċi, u ssellimlu, filwaqt li tispera li matul ix-xhur li ġejjin tkompli b'din il-ħidma tagħha b'xi żjara oħra ġewwa l-gżira ħelwa ta' Tliet Għoljiet.

Il-President tal-Għaqda, Lorry Muscat, flimkien mal-Viċi President, Joe M. Borg, mas-Segretarju Finanzjarju Vincent Zahra, mill-ġdid jixtiequ jirringrazzjaw lill-Assistent Kummissarju Paul Attard, lill-Ajjutant is-Supretendent Joe C. Gauci u lis-Supretendent tad-Distrett ta' Għawdex Salvu Galea tal-faċilitajiet li offrew sabiex din is-sensiela ta' intervisti jirnexxu. Ħajr ukoll imur lis-Surġent Nru. 649 Mario Saliba, Segretarju tal-Malta Police Association li għogbu jakkumpanja l-Uffiċjali tal-Għaqda matul dawn iż-żjarat.

## MUTUAL HELP

Il-Lira (Lm1.00) li int ħallast għax-xhur ta' Jannar/April '90, marru għad-dipendenti tal-membri hawn taħt imsemmija:

Ex-PC 1177 R. Spiteri miet 10.6.89, Ex PS 81 E. Mamo miet 7.8.89; Ex PS 857 A. Bonnici miet 30.6.89; Ex PC 643 M. Balzan miet 15.6.89; Ex PC 604 F. Grima (Għawdex) miet 20.6.89; Ex PS 367 F. Sammut miet 1.12.89; Ex PC 1039 C. Borg 10.11.89; Ex PC 225 F. Zarb miet 15.12.89; Ex PC 146 S. Saliba miet 22.2.90; Ex C of P.G. Cachia miet 2.3.90; Ex PS 19 M. Tanti miet 3.3.90; Ex PC 806 J. Buttigieg 24.3.90; Ex PS 437 A. Cachia miet 7.4.90; Ex PC 91 F. Scerri miet 14.2.90; Ex PC 359 E. Xuereb miet 21.4.90; Ex PC 426 N. Bonnici miet 30.4.90.

Is-somma li tħallset jew għad trid titħallas lid-dipendenti ta' dawn l-ex membri laħqet total ta' Lm304.50 (jiġifieri 2436 kontribuzzjoni).



**P. ATTARD**
ex-P.C. 244



**J. GALEA**
786



**R. SPITERI**
ex-P.C. 1177



**A. BONNICI**
ex-P.C. 857

# The Psychological Basis of Leadership

By Dr. Paul Cassar M.D., D.P.M., F.R.His.S (Lond), D. Litt. (Hon Causa)

**The following paper is derived from my personal experience as a civilian medical officer working during air bombing in World War II initially in Malta and then in London (1940-44); and subsequently in peace-time conditions in Malta as a psychiatrist and personnel administrator at the Mental Hospital, Attard (1945-1974).**

## Definition of Leader

No group of men and women can be effectively organised without efficient leadership.

A leader is a person who (1) understands fully the task he has to perform; (2) has the ability to enlist the cooperation and loyalty of his subordinates; (3) inspires trust in his competence to the extent that his subordinates follow him without hesitation in the fulfilment of his task.

## The Personality of the Leader

The leader must possess the following psychological qualities:

1. He must have a stable character (that is not subject to mood swings) and such strong self-control that he remains calm under the most severe provocation and frustration.
2. He must not be impulsive (i.e. acting on the spur of the moment), but reflective (i.e. realising the consequences of his action) and decisive (i.e. not hesitating once a plan of action has been reached).
3. He has to be a good planner i.e. (1) knowing exactly how to go from one step to another to reach his objective; (2) estimating how long it might take him to do so; (3) realising that the task must be within the competence of the weakest of his men; and (4) preparing beforehand an alternative plan if the original one misfires.
4. He must have a sense of humour and the ability to laugh at himself and his shortcomings.
5. When explaining the tasks which he expects from his men he must not use the pronoun "I" but "we" to enlist their cooperation and loyalty.
6. He must show enthusiasm for his plan i.e. the determination to keep moving forward in spite of stiff opposition so that his men would follow him to the end.
7. He must not resort to disparagement and ridicule in the face of failings on the part of his men i.e. must not use insults, vulgar and offensive language when correcting or admonishing them.
8. He must not command his men to perform things which he is not prepared to carry out himself.
9. He must maintain his dignity with his men i.e. he must not indulge in undue familiarity with them but he must not be conceited or "snooty" with them.
10. He has to examine his own behaviour and its impact on his men and change it as required.
11. If he is anxious about his task he must admit it to himself but hide it from those who are weaker than himself to avoid demoralising them. He has to keep in mind that anxiety may interfere with his judgment at critical moments.
12. He must possess both physical and moral courage i.e. while experiencing fear when faced with great physical opposition he will not turn away or surrender to threats of harm, revenge or blackmail or other forms of psychological pressures.
13. He must have the ability to accept criticism without offence and must be prepared to accept responsibility when he makes a mistake.

## The Leader's Relationship with his Men

1. He must ensure that tasks assigned to his men are carried out correctly and in the appropriate time. If tasks have not been done to his satisfaction he must show his men how the tasks should be done.
2. He must prohibit brutality on the part of his men when they have to handle violent persons; on the other hand, he must encourage his men to use patience, diplomacy and humane ways in dealing with opponents.
3. He must listen to complaints and/or comments or suggestions from his men and pay attention to their feelings towards him and his plans.
4. He must be thoughtful and considerate for the comfort of his men so that he does not provoke resentment but enlist their whole hearted cooperation and trust.
5. He must promote self-reliance and the development of individual talents in his men by encouraging them to learn from reading, from practice and from example. He must praise them for tasks well done.
6. He must have regard to the personal and family worries and troubles of his men and help them to deal with them.
7. He must be on the look-out for feelings of discontent among his men, find out the reasons for these adverse attitudes and do his best to remove them.
8. He has to train his men to counter the tendency to flee or retreat or faint in the face of danger by teaching them how to overcome the instinct of fear. This is achieved by: (1) frequent drilling; (2) carrying out mock attacks by "violent persons"; (3) exposing them to the noise of firearms and to marching in the darkness of the night or the exploration of badly illuminated tunnels etc.

Such training will ensure that his men will (1) avoid panic reactions (confusion, flight, disruption of plan of attack); and (2) obey his orders without question and without hesitation.

# Bombing incidents

By
Insp. M. Bartolo

The number of yearly incidents arising from the placing of explosive devices (bombs) is fairly constant in Malta. If we add to these the number of incidents connected directly or indirectly with fireworks, the total number would read around thirty incidents yearly. More than half of these are carried out with criminal intent. Some minor incidents pass practically unnoticed, whilst others attract the public attention to a much greater extent. The curve shoots up during election years as about a fourth of these incidents are politically motivated.

The victims are from all walks of life, but active political supporters, political or religious organisations, civil servants, uniformed personnel (Police, Army and Prison authorities), businessmen, referees, embassy personnel and the common laymen are among the prime targets.

Nearly all the bombs that have been placed in the past were of the 'home-made' type, very simply made, such types of bombs as are known as "safety fused bombs." In most cases there were no expert techniques involved for the manufacture of such types of bombs. Pyrotechnic knowledge was the main base knowledge. These simple, safety fused bombs were, however, very effective, in as much as they exploded (in most cases) causing intended damage or even casualties. The similarities noticed in the physical design, components, timing devices used, lacement of the charge etc., strongly suggests that they were the work of a few individuals.

The use of a bomb device, real or hoax, can be a result of virtually any motivational factor. They range from murder, suicide, intimidation, vandalism, concealment of another crime, love, vengeance, political extremism, attention for recognition, hate and terrorism are among the most common factors.

In investigating bombing incidents it is important to establish the initiation method adopted. There are three main methods of bomb initiation. *The Time Method:* Device once initiated requires no further action and after elapse of designated time will function. *The Action Method:* Device is designed to function when a victim does something which triggers the initiation system. Such a method is often referred to as a "Bobby Trap." *The Command Method:* Device is initiated by the subject usually by a remote method.

For many, many years ANFO explosive was the type most commonly used in making local bombs. This was followed by Gelatine Donarite. Some bomb devices used military explosives and in a few cases Pyrotechnic mixtures were used to build a bomb. Combinations of these high and/or low explosives were also common. It is to be remembered that the two most common commercial explosives used locally for blasting purposes are ANFO and Gelatine Donarite. Surely a connection could be drawn in this respect. Gelatine Donarite is imported whilst ANFO is prepared or manufactured in Malta. For the last decade or so regulations governing the importation, storage, manufacture, conveyance, use and disposal of explosives have been strongly enforced and this resulted in the bomb maker finding it more difficult to find such explosives. ANFO is often manufactured clandestinely from other products available on the market but intended for completely different uses.

In a bombing incident, unless the investigator understands the bomb incident, the direction and scope of his investigative activities may suffer. An analysis of the incident should consider the design and functioning of the bomb device, as well as the target or victim involved.

If the bombing device fails to function or is rendered saft, then it will provide relatively easy to evaluate the design of the bomb. This is, of course, the work of experts. When the device explodes, the problem becomes much more difficult and complicated. The investigator should consider the amount of damage caused, if any damage is in fact caused. He should also consider whether the initiations seem to have been reached by the bomber. The fuzing of the device is also very important. This will usually show what expertice or otherwise the bomber possesses. It is not easy to arrive at conclusions so a careful examination of all the bombed area is necessary. The study of the target itself is also of prime importance. Some targets pin-point straight away in one direction, but all paths of investigations should be analysed carefully. A clear example is the following. A threatens B that if B fails to handle a sum of money to A then A would cause damage the B's property by explosives. To show that in fact A will carry out his intentions, A places explosive under C's car, an innocent third person.

The following questions should be asked and if possibly answered, in a bombing investigation. WHAT materials were used to fabricate the bomb? What skill or expertise did the bomber need? What was the target of the bomb? What happened accident or criminal intent? WHY was a bomb used? Why was the bomb placed where it was? Why was the bomb constructed the way it was? WHERE was the bomb made? Where was the bomb placed? Where were the materials used in construction obtained? WHO was the victim? Who was the intended victim? Who made the bomb? Who placed the bomb? WHEN was the bomb made? When was the bomb placed? When was the bomb's fuse initiated? When did the bomb explode? HOW was the bomb placed? How was the bomb made? How was the bomb fuse initiated?

A step by step investigation on these lines with a view of answering these questions will lead to a successful investigation.

# Aspetti tax-Xjenza Forensika

Minn
Christopher C. Farrugia

Sensiela ta' artikli miktubin għal dan il-magazine biex nifhmu aħjar dan ix-xogħol partikolari.

**L-awtur twieled fis-16 ta' Lulju 1964. Huwa studja fil-Kulleġġ San Alwiġi, New Lyceum u l-Università. F'Lulju 1987 illawrja bħala medical laboratory Technician mad-Dipartiment tas-Saħħa. F'April 1988 huwa ngħata Fellowship mill-UNESCO biex ikompli jistudja fix-Xjenza Forensina fl-Unversità ta' Strathclyde ġewwa Glasgow. F'Settembru 1989 huwa ngħata scholarship mill-Pulizija ta' Malta, minn fejn, f'Ġunju 1990 illawrja b'postgraduate diploma fix-Xjenza Forensika mill-istess Università. Bħalissa qiegħed jaħdem fil-Body Fluids Unit tal-Laboratorju tax-Xjenza Forensika.**

## Ix-Xjenza Forensika

Ix-xjenza forensika hija l-applikazjoni tax-xjenza fl-evidenza għall-użu tal-Qrati. Ix-xjenza għalhekk qegħda tagħti servizz lil proċess legali. Il-mod ta' servizz ivarja minn pajjiż għall-ieħor.

Hemm diversi friegħi tax-xjenza forensika. Hekk insibu l-oqsma tal-Ballistika. Impronti diġitali, fotografija, xena tad-delitt, body fluids, general chemistry, żebgħa, drogi, ħġieġ, xagħar u fibri, dokumenti u scanning electron microscopy.

Barra minn hekk hemm aspetti oħra li għalkemm ma tantx jintużaw jistgħu jkunu utli fl-evidenza għall-Qorti. L-entimoloġija hija l-istudju ta' l-insetti u tista' tagħti ħjiel dwar il-ħin tal-mewt. Hemm ukoll il-psikoloġija forensika bl-użu ta' l-ipnosi għal għanijiet investigattivi.

Għalkemm ix-xogħol ewlieni jiġi mill-Qrati Kriminali, ix-xjenza tista' tkun ta' għajnuna fil-Qrati Ċivili wkoll. Dan isir per eżempju f'każijiet fejn hemm xi dubji dwar il-parantela ta' tfal.

Hawnhekk ta' min wieħed jagħmel daqsxejn ta' parentesi ċkejkna. Il-mediċina forensika hija distinta mix-xjenza forensika. Xogħol il-patologu l-lum il-ġurnata jikkonċentra l-aktar madwar l-awtopsja. Ix-xjenzat iżda, irid jagħmel dak ix-xogħol konness ma' l-evidenza mħollija wara li sar ir-reat. Per eżempju: għad-demm jista' jivverifika li hu demm, idea ta' minn fejn oriġina, u x'inhu l-grupp tad-demm. Dan imbagħad jista' jiġi komparat ma' dak ta' l-imputat u/jew vittma.

Il-prinċipju ewlieni li jiggwida lix-xjenzati forensiċi jissejjaħ Exchange Principle. Dan ġie propost fil-bidu ta' dan is-seklu minn Dr. Edmond Locard li waqqaf l-ewwel laboratorju xjentifiku tal-pulizija ġewwa Lyons fi Franza. Dan il-prinċiħju mportanti jgħid hekk:

Meta żewġ oġġetti jmissu ma' xulxin, dawn iħallu evidenza tal-kuntatt tagħhom wieħed fuq l-ieħor.

Minn dan joħorġu dawn il-fatturi ewlenin:

1. L-evidenza tal-kuntatt trid tinstab.
2. L-avidenza tal-kuntatt trid tiġi identifikata.
3. Il-valur tagħha trid tiddependi miċ-ċirkostanza (circumstantial evidence).
4. In-natura tal-materjal trasferit trid tkun signifkanti.
5. Bdil tal-materjal irid iseħħ min-naħa għall-oħra.

L-esperti maħtura mill-Qrati, fix-xena tar-reat m'humiex esklużi mill-Exchange Principle msemmi. Huma wkoll għandhom joqogħdu b'seba' għajnejn li ma jkunux huma li ma jniggżux il-post per eżempju b'xi footprint jew fingerprint minn tagħhom.

Finalment, għalkemm l-investigazzjoni xjentifika ġeneralment issir fil-laboratorju tal-Pulizija dan m'huwiex il-monopolju tal-Prosekuzzjoni. Id-difiża għandha l-jedd tkun taf hekk ix-xogħol sarx tajjeb jew le. Dan tagħmlu l-aktar billi tikkonsulta ma xjenzati oħra għall-pariri, għalkemm xogħol prattiku fil-laboratorju privat mhux eskluż.

# Ħarsa lejn is-sena 1990

⇨ minn paġna 17

**15.6.90** L-Assoċjazzjoni kellha laqgħa ma' l-Avukat M. Ciappara Ltd., li laqgħa x-xewqa li jkun il-konsulent legali tagħna 'gratis'. Ta' dan aħna grati u obbligati. B'hekk għandna l-opportunità ta' konsulenza professjonali f'każi fejn meħtieġ.

**28.6.90** Fl-okkażjoni tal-festi ta' l-Imnarja ġiet organizzata 'fenkata' tas-soltu fil-Buskett.

**8.7.90** Ftuħ tal-Ġimgħa tal-Pulizija organizzata f'egħluq l-176 Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp. Saret Quddiesa u tberik ta' l-Oqbra fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.




**12.7.90** Bħala parti mill-Ġimgħa tal-Pulizija saret parata fil-Belt u ttelgħet wirja ta' 'Hobbies'.



**13.7.90** Filgħodu fil-11 a.m. membri ta' l-Assoċjazzjoni żaru lill-President ta' Malta l-Eċċ. tiegħu Dr. V. Tabone M.D. Iż-żjara kienet kordjali ħafna u fiha l-President tkellem dwar kif jaħsibha Hu dwar ix-xogħol diffiċli tal-Pulizija u l-iskop tas-servizz liċ-ċittadin. Bħala tifkira ta' l-okkażjoni l-President ingħata dgħajsa ta' Malta tal-fidda.

**13.7.90** Jum il-Pulizija: L-Entertainment Committee organizza ikla u serata ta' divertiment fil-Paladium bil-parteċipazzjoni ta' talent popolari Malti kif ukoll internazzjonali. F'sala ppakkjata, attendew fost persuni oħra distinti, l-Onor. Ministru Dr. U. Mifsud Bonnici LL.D., in-Nutar G. Bonello du Puis, il-Kummissarju, is-Sur Alfred Calleja u n-nisa tagħhom.



**6-11.8.90** Fl-iskola ta' San Pawl il-Baħar nżamm 'Summer Camp' għat-tfal li matulu xxalar kemm felħu b'logħob u bil-għawm. Fit-tmiem, it-tfal ingħataw ktieb bħala tifkira mill-Ministru u l-Kummissarju waqt bar-b-que.

⇨ għal paġna 39

# Il-Karrozza

## mal-milja taż-żmien

minn P.S. 112 J.M. SCICLUNA



### BAKER



Fl-1899 twieldet il-Baker Motor Vehicle Co., ġo Cleveland, Ohio. Din bdiet tagħmel karrozzi mħaddma bl-elettriku permezz ta' batteriji. Mal-qalba tas-seklu Baker kellhom domanda tajba għal dawn il-karrozzi. Il-karrozza Baker kienet magħmula biss għal ġol-bliet għalkemm bil-batteriji "full charge" wieħed seta' jivvjaġġa sa ħamsin mil, u dan kollu bla ma tieħu fuel. Il-Baker Limousine ġiet introdotta fis-suq fl-1910 u għalkemm ma kelliex makna normali bħal ta' l-oħrajn xorta waħda ġiet iddisinjata b'dak il-bonnet kbir quddiem kif jafu jagħmlu l-Amerikani. Il-manifatturi ħadu l-opportunità biex taħt dan il-bonnet poġġew il-batteriji meħtieġa għall-mutur ġgantesk ta' din il-karrozza.

Dan il-mudell kien itella' veloċità ta' 30 mil fis-siegħa. Fl-1914 il-kumpanija ngħaqdet ma' Rauch & Lang, li wkoll kienu jagħmlu karrozzi mħaddma bl-elettriku. Meta waslet l-Ewwel Gwerra, Baker, Rauch & Lang, kif kienet magħrufa issa l-kumpanija, naqsu l-produzzjoni tal-karrozzi drastikament u għalkemm baqgħet topera sal-għoxrinijiet spiċċaw biex jaħdmu biss "bodywork" u iktar tard apparat elettroniku.

### BEAN



Ħafna minn dawk il-fabbriki li fi żmien l-ewwel Gwerra kienu jipproduċu munizzjon, dawru l-intrapriża tagħhom f'fabbrika tal-karrozzi. Hekk għamlet id-ditta Ingliża A. Harper, Sons, & Bean Ltd., ta' Staffordshire. Fl-1919 ħarlet l-ewwel Bean ta' 19 h.p. li tfaċċat għall-wiri fl-Olympia Motor Show. Imbagħad il-kumpanija irriformat ruħha u magħha daħlu bi sħab Vulcan Swift, Haddfield Steel, Birmingham Aluminium u xi tużżana ditti oħra. L-għan ewlieni ta' din l-amalgamazzjoni kien biex joħloqu l-ekwivalenti Ingliża tal-General Motors Amerikani. Iżda l-Bean ma tantx kienet imfittxija u l-bejgħ kien fqir wisq.

Fl-1923 din il-kumpanija għamlet bħal Henry Ford u naqqset il-prezzijiet tal-karrozzi kemm felħet. Minkejja l-aspirazzjoni ta' iktar bejgħ, il-Bean qalgħet daqqa ta' ħarta oħra meta William Morris raħħas il-prezzijiet tal-karrozzi tiegħu li kienu iktar popolari mill-Bean. Ironikament fl-istess sena il-Bean Fourteen kienet meqjusa bħala l-iktar karrozza b'saħħitha meta l-Awstraljan Francis Birtles għamel ġirja trans-kontinentali bil-Bean. Fl-1926 Bean innifsu rriżenja mill-kumpanija biex mar mal-Guy Motors. Taħt diretturi ġodda il-Bean baqgħet sejra lura sa ma kellha tagħlaq il-fabbrika fl-1929.



## BENTLEY

Walter Owen Bentley ħadem għal ħafna ditti kbar bħala sewwieq tat-tlielaq tal-karrozzi u wkoll bħala inġinier fl-ewwel għoxrin sena ta' dan is-seklu. Fl-1919 Bentley immonta l-ewwel karrozza tiegħu, il-Bentley 3 Litre. Filwaqt li din il-karrozza kienet għall-wirja fl-Olympia Motor Show Walter kellu ħafna ordinijiet, iżda dan irrifjuta kull ordni b'għaġeb ta' kulħadd. Ir-raġuni li ta Walter Owen kienet li mhux se jbiegħ minn dawn il-karrozzi sakemm ikollu "xi ħaġa aħjar". Fl-1921 inbiegħet l-ewwel Bentley 3 Litre b'xi modifikazzjonijiet kif xtaq Walter. Bħad-ditti l-oħra Bentley sab ruħu f'diffikultajiet finanzjarji u fl-1922 ħareġ biss 145 karrozza. Fl-123 sar ftit progress billi ħarġu 204 Bentleys. Dan kien prinċiparjament dovut wara li Bentley ħadet sehem fit-tiġrija Indianapolis, fl-Amerika, li għalkemm ma rebħitx spiċċat it-tiġrija bla ebda ħsara. Is-sena ta' wara l-bejgħ tela' għal 403 karrozzi u dan kien konsegwenza tax-xiri tal-karrozzi biex jintużaw fit-tlielaq minn persuni privati, fejn kollha kienu jispiċċaw bla ħsara teknika. Ir-riċerka fuq mudell ġdid b'makna 6.5 Litres bela' l-flus kollha tal-kumpanija u fl-1925 Woolf Barnato, ammiratur sinjur tal-Bentley iffinanzja dan il-proġett biex salva l-kumpanija minn falliment. Fl-1929 it-triq tal-vittorji reġgħet bdiet għall-Bentley. Fil-Le Mans, Bentley spiċċat fl-ewwel erba' postijiet filwaqt li sentejn biss wara dawn l-unuri l-Bentley kienet f'xiker ta' xoljiment. Għall-ewwel Napier Motors kienu se jidħlu għal din l-intrapriża hekk prestiġjuża, iżda fil-pront qabżet ir-Rollys-Royce u ħadet il-Bentley.



## BENZ

Jekk hawn bniedem li jistħoqqlu jissejjaħ l-inventur tal-karrozza huwa l-Ġermaniż Karl Benz. Benz kien ivvinta s-sistema tal-batterija u spark plugs minflok il-"flame-ignition". Fl-1885 Karl benz bena l-ewwel karrozza bi tliet roti li inċidentalment spiċċat maħbuta ġo ħajt waqt il-provi. benz stabbilixxa ħafna teknikalitajiet importanti bħalma huma l-brakes, ignition, flywheel generator u differential. Fl-1893 Benz akkwista permess mingħand l-awtoritajiet biex isuq il-karrozza tiegħu sa 7 mili fis-siegħa fil-beraħ u 3.5 fis-siegħa fl-abitat, u fil-kantunieri. F'dan iż-żmien, il-mara ta' Karl Benz, Betha, kienet l-ewwel sewwieqa tal-karrozza bħala mara u kienet ukoll l-ewwel sewwieqa mara llegali minħabba li ma kelliex il-permess biex issuq mill-awtoritajiet. Fl-1883 Benz biegħ 500 makna u sena wara mmonta l-ewwel "horseless-carriage".

Fl-1895, 135 vettura ħarġu mill-garaxx ta' Karl Benz u sa l-1899 Benz biegħ mal-2000 vettura. Għall-ħabta ta' l-1900 Benz bena saħansitra trakkijiet, vannijiet u buses li waslu sa Buenos Aires, Cape Town u Singapore. Iżda Carl kien għadu mhux kuntent għax kien għadu ma ħa l-ebda sehem fit-tiġrijiet tal-karrozzi. Fl-1908 karrozza Benz ta' 120 h.p. spiċċat it-tieni wara Daimler fil-Grand Prix ta' Franza. Fl-1912 it-tfal ta' Carl Benz, Eugene u Richard ħadu t-tmexxija tal-kumpanija f'idejhom. Fl-1925 Daimler daħal bi sħab mal-Benz u Gottlieb Daimler kompla tejjeb il-pożizzjoni tal-Benz u s-suċċessi baqgħu ma naqsux. Carl Benz miet fl-għomor ta' 85 sena fl-1929 u l-mara tiegħu Bertha li kienet strumentali ħafna fis-suċċessi tiegħu, għexet għall-ħmistax-il sena oħra biex mietet ta' 95 sena.

## B.M.W.



Fl-1916 fil-Ġermanja tfaċċat fabbrika tal-karrozzi bl-isem ta' Bayerische Motoren Werke (B.M.W.) li kienet timmanifattura prinċiparjament "air-brakes" għall-ferroviji. L-ewwel mudell tal-B.M.W. kienet karrozza ċkejkna li ma kient xejn ħlief l-Austin 7 Ingliża. Id-Dixie, kif kienet magħrufa fil-Ġermanja, kienet suċċess. F'dan iż-żmien il-B.M.W. kienet toħroġ muturi (motor-cycles) li ntlaqgħu b'akklamazzjoni kbira. Tmien verżjonijiet ta' muturi kienu offruti għall-bejgħ sa l-1929 28,000 mutur kienu nbiegħu filwaqt li ntrebħu 573 kompetizzjoni. Fl-1930 il-B.M.W. Dixie sports rebħet il-Monte Carlo Rally tal-klassi taż-żgħar. Sa l-1932 25,000 karrozza ta' dan it-tip inxtraw mill-pubbliku. Iżda l-ewwel B.M.W famuża li qatt inbniet mingħajr kopji kienet b'sitt ċilindri b'qawwa ta' 1490 c.c. Fl-1936 mudell ieħor sportiv għamel suċċess għall-kwalità tajba ta' makna u chassis. Bejn l-1939 u l-1940 il-B.M.W. għamlet ħafna vittorji f'tiġrijiet importanti fosthom Le Mans, Spa, u Mille Miglia. Wara t-tieni Gwerra Dinjija l-garaxxijiet tal-B.M.W. ħaduhom l-Amerikani għall-manutenzjoni tal-vetturi tal-Militar. Ftit żmien wara l-B.M.W. bdiet toħroġ "light alloy framed bicycles". Fl-1949 reġgħet ħarġet karrozza B.M.W. fejn bil-mod il-mod qabdet art tajba. Fl-1954 il-B.M.W. ħarġet mudell b'makna 2.6 Litres V-8 u mudell ieħor Limousine. Fl-istess żmien ħarġu wkoll mudell ġdid tal-muturi u makna ta' mutur 250 c.c. sabet ruħha f'karrozza ċkejkna msejħa B.M.W.Isetta u mlaqqma "bubble-car" mill-Ingliżi. Karrozza oħra żgħira iża li tesa' erba' passiġġieri ħarġet fil-ħamsinijiet b'makna 600 c.c. u 700 c.c. Din kienet immirata lejn il-ħaddiem iż-żgħir. Fl-1974 il-B.M.W. sabet ruħna fil-Formula 2 tat-tliealaq tal-karrozzi u għamlet suċċess ieħor. Wara dan iż-żmien il-B.M.W. bdiet tikkonċentra iżjed fuq karrozzi bi stil eleganti u li setgħu jintużaw f'Rallies għar-reklamar ta' dawn il-karrozzi. Il-B.M.W. tispeċjalizza wkoll f'karrozzi lussużi u b'makni kbar, dawk li l-Ingliżi jsejħu "The Executive Car".

## BOLLEE



Amdeè Bolleè u l-makni mħaddma bl-isteam (Steam Engine) għandhom rbata kbira fl-istorja tal-karrozza. Amedeè Bolleé kellu żewġ subien li komplew fuq il-ħidma ta' missierhom biex ipperfezzjonaw il-karrozza mħaddma bl-isteam. Fl-1874 Bolleè beda jaħdem fuq makna mħaddma bl-isteam bħal dawk tal-ferroviji, iżda immonta din il-makna fuq karrozzella, s'intendi, mingħajr żwiemel! Fl-1878 Bolleè għaqqad karrozza sempliċi mħaddma bl-isteam u fl-1880 Bolleè offra għall-bejgħ karrozza magħluqa mħaddma permezz ta' l-ilma jgħali u li tant irnexxiet li din il-karrozza ħadet sehem fit-tellieqa Pariġi-Bordeaux-Pariġi fis-sena 1895. Iktar qabel fl-1886 it-tifel ta' Bolleè bl-istess isem, Amedeè, ħa kollox f'idejh filwaqt li kompla fuq il-karrozzi, missieru dawwar il-ħsibijiet tiegħu fuq il-funderija għall-qniepen kbar. Il-moħħ avventuruż taż-żgħir dawwar ukoll ħsibijietu fuq karrozzi mħaddma bil-fuel u sa l-1898 Bolleè kellu ordnijiet iktar milli ħaseb li se jkollu. Dan ġara minħabba li waħda minn dawn il-mudelli rebħet it-tiġrija minn Pariġi sa Amsterdam. Bolleè kellu sensiela tajba ta' vittorji bil-karrozzi tiegħu li nkoraġġuh ikompli jaħdem biex jipperfezzjona iktar l-inġinerija li kienet tħaddan il-karrozza tiegħu. Ma' l-ewwel Gwerra Bolleè, bħal ħafna oħraj kellu jwaqqaf il-produzzjoni. Wara l-Gwerra ħa t-tmexxija tal-fabbrika ħu Amedeè, jiġifieri Leon, iżda fl-1924 William Morris xtara l-fabbrika ta' Bolleè biex beda jimmonta l-Wolseley fi Franza. Id-dipressjoni tat-tletinijiet ukoll għalqet din il-fabbrika fl-1933.

# Paġna għan-Nisa

**Minn WPC 21 J. Scerri**

**Merħba lill-qarrejja nisa kollha,**

**Sa fl-aħħar waslet din l-imbierka paġna għan-nisa, is-sess inferjuri jgħidilna iżda ibqgħu ċerti li m'aħna inferjuri xejn! Nieħdu per eżempju r-reklutaġġ tagħna l-Pulizija, bħalissa qegħdin jidħlu iktar nisa milli rġiel, allura aħna s-sess l-iktar b'saħħtu għax lesti niffrontaw sidirna aktar mill-irġiel avolja ma nagħmlux ordnar daqshom!!!**

**F'din l-ewwel ħarġa sejra nkellimkom fuq id-dieta u sejra ntikom xi riċetti.**

**Waqt li nselli għall-qarrejja kollha nieħu din l-opportunità biex nawguralkom lkoll l-Għid it-tajjeb.**

## DIETA! ŻGUR LI KULĦADD JAF X'HINI

Kemm hawn minnha li jgħidu li għada se jibdew id-dieta, u l-għada ma jasal qatt?

Biex iżżomm mad-dieta, l-aktar jekk ikollok ħafna piż żejjed, mhix ħaġa ħafifa. Tibda kieku b'volontà qawwija, imbagħad issib li wara ftit ġimgħat il-volontà tibda tiddgħajjef. Kull ma trid hu ftit ta' l-inċentiv għa dan igħinek tirnexxi fid-dieta li bdejt.

Waħda mill-problemi hi, li ħafna minn ċawk li jkunu qed jagħmlu d-dieta jsewdu qalbhom għax minħabba d-dieta ma jħossuhomx f'sikkithom. Is-suċċess issibu jekk inti temmen li qed tħossok aktar ħafifa bid-dieta, milli meta kont tiekol ħafna.

Biex tgħin lilek innifsek ħares ftit 'il quddiem u ara x'okkażjoni għandek li fih trid tidher pulita u rqiqa jew mhux qawwija daqskemm tkun fil-preżenti. Jista' jkun tieġ, magħmudija, safra, eċċ. Ara kemm trid tnaqqas mill-piż u qassam il-piż li trid tnaqqas fuq il-ġimgħat li jkun baqa' sa dik l-okkażjoni. Mhux li taqta' l-ikel kollu, imma timmodera ftit ftit għax mill-banda l-oħra trid tiftakar li hemm saħħtek fin-nofs.

Tiddiżappunta ruħek jekk ma tasalx biex tnaqqas dak il-piż mix-tieq, għax xi drabi l-piż għandu ħabta jidħak b'dak li jkun. Xi drabi tkun qed tagħmel id-dieta u ma tinżilx u meta ma taħtix każ, togħlob bla ma taf kif.

Min jagħmel id-dieta ġeneralment jiffissa fuq l-ikel u biex tevita dan, ibda xi ħaġa ġdida bħal ngħidu aħna tieħu lezzjonijiet ta' kif tirranġa l-fjuri, tkabbir tal-pjanti ta' ġewwa u titgħallem fuqhom, titgħallem taħdem il-ganċ jekk ma tafux, ikun xi jkun il-passatemp basta tkun xi ħaġa ġdida li taljenak.

Emmen li vera qed tħossok eħfef u aħjar u emmen li veru qed tħossok tonqos biex tagħmel il-kuraġġ. Jekk tiftiehem ma' ħaddieħor jew tkun taf b'xi ħadd li qed jagħmel id-dieta, ftiehem miegħu ħalli tagħmlu kuraġġ b'xulxin. Żomm nota ta' kemm tkun inqast.

Ftakar li sa l-ewwel għaxart ijiem tieħu gost u tkun mimlija fervur, iżda l-importanti hu li tittestja kemm għandek volontà soda wara l-ewwel għaxart ijiem.

Il-ġisem għandu bżonn ta' 2000 kalorija kuljum, iżda meta tkun qegħda tagħmel id-dieta trid tinżel għal 1000 jew l-iktar 1200 kalorija kuljum. Importanti wkoll li tagħmlu xi tip ta' eżerċizzju bħal 'aerobics' (keep fit) anke l-mixi huwa tajjeb ħafna. B'eżerċizzju biss il-bniedem ma jgħolobx, bilfors li wieħed irid inaqqas mill-ikel. Finalment meta wieħed jilħaq il-piż li suppost ikun jew jixtieq allura hemm jista' jerġa' jibda jiekol normali mingħajr ma jaqbeż l-2000 kalorija kuljum għax inkella jerġa' jiżdied. F'dan l-istadju wieħed jista' jagħmel xi eżerċizzju favorit tiegħu biex jibqa' "in forma".

## X'GĦANDEK TIEKOL KULJUM

6 oz (175g) ikel li fih il-protejini (ħut, tiġieġ, laħam, 'cottage cheese', 'baked beans').

12 oz (350g) ħaxix.

12 oz (350g) frott frisk.

6 oz (175g) karbojdrati (ħobż, ċerejali, patata, ross, għaġin).

5 oz (150g) yogurt.

10 fl oz (250ml) 'skimmed milk' jew 8 oz (200 ml) 'semi-skimmed milk', te, kafe u 'diet drinks' kemm trid.

## TIĠIEĠ BIL-"CURRY"
## (Riċetta għad-dieta)

2 biċċiet tiġieġa (neħħu l-grass u l-ġilda kollha).
150 oz (425g) tadam tal-bott.
Tuffieħa mqattgħa żgħir.
2 kuċċarini 'Branston Pickle'.
Kuċċarina puree tat-tadam.
Basla mqattgħa żgħir.
Mgħarfa "curry".
Poġġi t-tiġieġ u l-ingredjenti kollha ġo taġen, ħallihom fuq nar moderat sakemm jibda jgħali. Għatti t-taġen bl-għatu u kompli sajjar fuq nar baxx għal madwar siegħa. Din ir-riċetta tiġi servuta fuq platt ross mgħolli.

Peress li l-Għid dalwaqt magħna sejrantikom riċetta tal-figolli. (Dawn m'humiex tajbin għad-dieta!).

**INGREDJENTI:**
2lb tqiq "plain".
150oz marġerina.
Qoxra ta' lumija maħkuka.
150oz zokkor.
4 isfra tal-bajd (żommu l-abjad).

**GĦALL-MILI**
1.5lb lewż mitħun.
1.5lb zokkor.
2-3 abjad tal-bajd.
Ftit 'orange flower water'.
Glace u "Royal Icing' biex tid-dekora.

**GĦAĠINA:**
Ħaddem l-marġerina mad-dqiq, żid iz-zokkor u l-qoxra tal-lumija maħkuka, imbagħad żid l-isfra tal-bajd, żid ilma biżżejjed sakemm tagħqad l-għaġina.

**MILI:**
Ħawwad il-lewż maz-zokkor, żid l-abjad tal-bajd u l-'orange flower water'.
Wara li tkun ftaħt l-għaġina aqta' żewġ forom iksihom it-tnejn bil-mili u qiegħdhom waħda fuq l-oħra. Aħmi ġo forn moderat għall-20-30 minuta. Meta jiksħu iksihom bil-"glace icing" u meta dan joqgħod iddekorahom bir-"royal icing" b'kulur differenti. (Minn ġo "piping bag").




# Fire Service Man Management (Instructors Precis)

By A. Barberi

1) Good leadership at all levels and in all situations is essential for the maintenance of high standards of efficiency, morale and discipline. This leadership is important not only on the Fire-Ground but in the fire section, in drills and instruction and in fact in all aspects of Fire Service walks.

Experience has shown that apart from the very unusual 'natural' leader specialized training in leadership is very important for those who have to undertake duties of this nature. We can all improve our managerial skills and techniques by re-examining the Principles which guide our actions, by sharing our experiences and by discussing our problems and difficulties.

2) Aim of Subject: To enable the instructor to take full share in improving:

a) Efficiency; b) Morale; c) Discipline.

This can be achieved through understanding of:

a) The Principles of management.
b) The Principles of human relations.

3) The function and Principles of management:

The five main fuctions of management are as follows:

1. PLANNING
2. ORGANIZING
3. DIRECTING
4. CO-ORDINATING
5. CONTROLLING — again the subject heading can be divided as follows:

| | |
|---|---|
| a) PLANNING | What is to be done? Why? When? How? By whom? Where? |
| b) ORGANIZING | Span of control-unity of command-delegation of authority and responsibilities. |
| c) DIRECTION | A clear idea of what is to be done. Ensure the man selected knows his job. Make sure that your orders are understood, also know the capacities f the man you are controlling. |
| d) CO-ORDINATING | Co-ordinate the efforts of your subordinates — give every assistance to the co-rdination of your section or other sections-help your supervisors to co-ordinate your efforts with those of himself and others. |
| e) CONTROLLING | Where your subordinates are and what they are doing — what jobs have been finished and how well where they done — what jobs are in progress and how far advanced are they — what new work has arisen or likely to arise. |

4) Problems and difficulties: No job can ever proceed so smoothly that problems and difficulties never arise. Satisfactory solutions to problems are never found in hurried or hap-hazard ways. Apply these steps to each problem that confronts you.

a) Define the problem.
b) Get all facts.
c) Access the facts.

5) Efficiency can be defined as the ratio of output to input. Human efficiency can be clearly stated as follows:

INPUT — HUMAN HOURS
OUT — THE FINISHED PRODUCT

It is the responsibility of anyone engaged on supervisory duties to constantly improve the efficiency of those under his control, by achieving these two methods:

a) Improve the efficiency of the sections as a whole by the means already dealt with above.
b) By improving the efficiency by the application of principles already dealt with to one individual. Care must be taken to ensure that the individual attention is not misunderstood as bullying.

6) Morale of man or of an organization is not very tangible substance. It is generally defined as an attitude of satisfaction with desire to continue in and willingness to strive for the goals of a particular organization. Complaints about pay, working hours or conditions, food etc. are often symptoms of low morale and should not be taken automatically as being the actual cause of low morale.

Factors known to effect morale are as follows:

a) The quality of supervision or leadership.
b) The satisfaction the individual gets from his job.
c) The organizing factors.

7) Discipline to be wholle effective, must be based on respect, the respect of the men for their leader for each other and for themselves, with loyalty being an essential ingredient. Discipline must be compled with training and above all good leadership.

Self discipline is the only enduring form of discipline, it is only possible where morale is high and it is a most essential requirement of FIRE SERVICE work especially on the fire ground.

SETTING AN EXAMPLE:

The finest way of exerting control is by example and in this respect you should:

a) Know your job and exercise constant efficiency yourself.
b) Know the regulations.
c) Carry our duties cheerfully and willingly.
d) Always be correct in your attitude to subordinates and supervisors.
e) Take care of your personal appearance.

8) **SAFETY FACTORS SUPERVISORS SHOULD BE FAMILIAR WITH**

Safety and safety practise are important parts of overall efficiency safety in the Fire Service may seem somewhat out of place. On the fire ground risks have to be taken and injuries may be expected, this is an expected hazard of the occupation, even so, foolhardy behaviour on the fire ground is to be checked and controlled as elsewhere. Most accidents to fire service personnel under routine conditions occurs due to:

1. Preoccupation or lack of attention.
2. Laziness or fatigue.
3. Physical or mechanical hazards.
4. Over confidence.
5. Misconduct or horseplay, etc.
6. Ignorance or lack of experience.

The prevention of accidents can be assisted as follows:

1. Propoganda.
2. By making safe ways the easy ways.
3. By watching for potential hazards.
4. By keeping a close watch on your new recruits.
5. Discipline.

 Tagħrif u ritratti minn Mario Fenech P.C. 279

# Ir-Rużarjanti

Il-Konfraternità tar-Rużarjanti twaqqfet f'Malta mill-kavallieri ta' San Ġwann u kellha s-sede tagħha fil-knisja tal-Portu Salvu fil-Belt. Dan kien għal ħabta tas-sena 1576, u d-dmir tagħhom kien li jxerrdu r-reċita tar-Rużarju, u jieħdu ħsieb l-ikkundannati għall-forka. Il-membri ta' din l-għaqda kienu jkunu l-aqwa nies tan-nazzjon, kienu joħorġu jiġbru fit-toroq lebsin konfratija bajda, bil-kurdun abjad bil-kuruna tar-










Rużarju mdendla miegħu. Kienu jgħattu wiċċhom u jilbsu kappell abjad biex ma jingħarfux. Fis-sena 1807 din il-konfraternità kienet ġiet imġedda mill-Isqof Vincenzo Labini li kien tahom ix-xogħol tad-dfin ta' l-ikkundannati. L-aħħar wieħed li kien ġie mibgħut għall-forka kien Giuseppe Pace, nhar l-14 ta' Frar 1927.

Fir-ritratti no. 1, 2, 3, naraw il-ġbir tal-flus għal ruħ Giuseppe Tabone magħruf bil-laqam ta' Taż-Żiemel. Dan kien minn Kerċem Għaxew, u kien qatel lil wieħed Antonio Galea mlaqqam il-klikk. Kien ġie kundannat għall-mewt fis-16 ta' Marzu 1922, u dendluh fil-ħabs ta' Kordin nhar is-26 ta' Marzu 1923. Kemm dam il-ħabs kien daħal fratell mar-Rużarjanti.

Fir-ritratti no 4, 5, 6, u 7 naraw il-purċisjjoni li kienet







issir wara l-mewt ta' l-ikkundannat. F'dan il-każ, kien Giuseppe Pace imlaqqam Kaswina ta' 42 sena minn Ħal Qormi. Kien qatel lil Massimiliano Farrugia, f'ħanut tax-xorb fil-Gżira, fis-17 ta' Settembru 1926. Meta kien ġie kundannat għall-mewt mill-Qorti kien qal li ma jridx lir-Rużarjanti biex jiġbrulu għall-quddies, iżda dawn xorta ħarġu jiġbru, tant li wara li dan kien ġie mdendel dawn marru jagħmlu l-quddies fil-knisja ta' Sant Ubaldeska għal ruħ u wara ħadu ħsieb id-difna tiegħu. Giuseppe Pace kien miet fl-14 ta' Frar 1927, u fit-18 ta' Frar kienet saret il-purċissjoni biex isir il-ġbir għall-quddies għal ruħu, hawn ta' min igħid li nofs il-flus miġbura kienu jingħataw lil qraba tal-mejjet.

**Ħajr għall-koppji: Joe Bartolo P.S. 3**



# Il-Pulizija u l-Eżerċizzi Fiżiċi

mill-Ispettur R.G. Zammit

**Kif aħna ħbieb? Din hija frażi li jien inħobb ngħid mhux meta nikteb biss iżda wkoll meta niltaqa' ma' xi ħadd. Ftit ilu waqqafni ħabib, fejn staqsieni l-għala dejjem nibda l-ħarġa sportiva tiegħi dejjem bl-istess tliet kelmiet. Sempliċi ħafna għedtlu. Waħda għax nieħu pjaċir inkun naf jekk dak li jkun jkunx tajjeb jew le u fejn dejjem nispera li r-risposta tkun posittiva, u oħra għax dment li jkunu ħbieb tiegħi jkunu ħbieb ta' l-isports filwaqt li jekk ikunu attivi fl-isports ikunu ħbieb tiegħi doppji. Però nixtieq li nieqaf hawn u ngħaddu mill-ewwel għall-aktar eżerċizzi**

Waħda mill-aktar item għal qalbi u li nieħu pjaċir nipprattika huwa dak tal-'Push ups'. Dawn il-'push ups' li minnhom hemm kullana x'wieħed jipprattika għax għalkemm jinxtieħbu ħafna, iżda m'humiex l-istess. Dawn il-'push ups' li minnhom joħroġ skop għal xiex sejrin jintużaw u għalhekk kollha jagħtuk sehem differenti. Għalhekk jinħtieġ taħriġ għaqli għax fihom infishom hemm ħafna 'stress', però għal min huwa dilettant meta jiġi prattikat sewwa, ikun fihom sodisfazzjon sħiħ. Kull tip ta' 'push up' jagħtuk saħħa kemm fid-dirgħajn, riġlejn, fl-għonq, stonku u d-dahar. Barra minn hekk għal dawk kollha li jipprattikaw xi forma ta' 'Military tactics' jew iħobbu jitrenjaw xi ndividwi bħal per eżempju xi 'Scouts', dan it-tip ta'



16a



16b

taħriġ jgħinek tiżviluppa mixi mgħaġġel kemm fuq idejk kif ukoll fuq saqajk, naturalment dan meta dejjem tkun fil-pożizzjoni msemmija ċioè l-'push up'.

L-eżerċizzju ta' din il-ħarġa huwa dak li jissejjaħ *'Extra load push up'.* Dan issir billi min ikun sejjer jipprattika dan l-item, l-ewwel jimted ma l-art fejn joqgħod dritt kemm jista' jkun. L-idejn iridu jkunu mbedin xi 50 cm. u s-saqajn ma' xulxin u l-pali ta' l-idejn dritti 'l barra. Wara li jsir dan, l-individwu li sejjer jipprattika jimted totalment ma' l-art mingħajr ma jitlef mill-pożizzjoni ta' l-idejn kif ukoll tas-saqajn. Wara li jsir dan, partner ieħor irid jieħu sehem f'dan l-item. Dan jagħmlu billi joqgħod fl-istess pożizzjoni tal-partner l-ieħor u quddiemu, bid-differenza li minn irkobtejhom lura jridu jserħu fuq l-ewwel partner li semmejna u ċioè dak ta' wara. Issa wara li sar dan kollu u biex l-eżerċizzju jsir tajjeb, jinħtieġ li t-tieni partner ikollu l-irkobtejn imserħin ftit lura mill-ispallejn tal-partner l-ieħor. Wara li ż-żewġ partners ikunu lesti f'pożizzjoni tajba, it-tnejn jibdew telgħin u neżlin. Naturalment, ta' wara sejjer ikollu biċċa xogħol iebsa għax sejjer ikollu piż żejjed x'jerfa, però żgur li dan igħinu għal meta jiġi bżonn li jagħmel xi moviment u jkollu xi piż li jġorr. Barra minn hekk il-muskoli tal-partijiet li semmejna l-ewwel żgur li ħadu iktar taħriġ u b'hekk jissaħħu aktar. Minn dawn wieħed għandu jagħmel jew aħjar jipprova jagħmel (3 sets x 10 reps) b'intervall ta' 3 minuti minn wieħed għall-ieħor. Biex ngħinkom għatu titwila lejn (Fig. 16A) u (Fig. 16B).

L-ewwel ma wieħed għandu jagħmel huwa li joqgħod eżatt fil-pożizzjoni ta' l-eżerċizzju l-ieħor u ċioè ta' qabel dan (Fig. 16). S'intendi dan isir minn persuna waħda. Mela, wara li tkun ħadt il-pożizzjoni b'idejk sodi u nkunu ċerti li jkunu sodi, saqajn ma' xulxin, wieħed jagħti qabża bis-saqajn biss li jekk jista' jkun il-pali tas-saqajn jitwasslu sal-pali ta' l-idejn. Wara ftit tas-sekondi erġa' rritorna għall-pożizzjoni li kont u erġa' rrepeti dan l-eżerċizzju għal mhux inqas minn (10 reps x 3 sets). Biex ngħinkom għatu titwila lejn (Fig. 16C).

Ħbieb nippruvaw ma naqtawx qalbna u nagħtu spinta f'dak li huwa eżerċizzju għall-ġid tagħna nfusna kif ukoll tajjeb li ngħallmu dak kollu tajjeb lil ta' madwarna. Saħħa ħbieb.



16c



16

# SELF DEFENCE
## – UNARMED COMBAT

Mill-Ispettur
R.G. ZAMMIT

*(Sensiela Nru. 5)*

***• Tgħallem u għallem u għallem u tgħallem. Kull ġlied ta' arti marzjali fih studju kbir u ta' attenzjoni perfetta. L-akbar akkwist ta' movimenti u riflessi li tista' tistudja fuqhom fil-kwiet u waħdek huma l-movimenti tan-nies ta' madwarek u f'kull f'kull ħin tal-ġurnata.***

ACHILLES LOCK huwa l-isem tat-tieni eżerċizzju li sejjer ngħdilkom fuqu f'din l-edizzjoni. Għalkemm xi ftit kmieni f'dan it-tip ta' taħriġ, ħassejt li għandi ngħadċilkom issa, għax dejjem ħassejt li meta persuna tiġi mwaqqa' bi 'throw', għalkemm tkun ħafifa biżżejjed u terġa' tieħu posta fejn terġa' tibda tiddefendi, tista' wkoll mal-waqa' tiddefendi lilha nfisha waqt li tkun għada fl-art. Dan naturalment jista' jsir, billi l-moviment tat-teknika jsir tajjeb, b'ħeffa u billi tissorprendi lill-avversarju.

Nispjegaw ftit ftit x'wieħed għandu jagħmel u kif nipprattikaw. Mela wara li tkun sofrejt 'throw', ħarsu lejn (Fig. 7) fl-iqsar ħin possibbli ħu ċans li ma tħallix lill-avversarju jersaq lura minn hekk. Fl-istess ħin ħu ċans ukoll li jekk tkun ftit 'il bogħod mill-avversarju, ersaq b'ħeffa u tali mod li ma tħallix l-avversarju jinduna li sejjer tagħmel xi mossa. Meta tagħmel dan kollu u tkun ċert li qiegħed f'pożizzjoni tajba, dan li ġej għandek tagħmel:

a) Aħtaf l-okkażjoni mill-ewwel u ta' l-eqreb sieq ta' l-avversarju li tkun qrib tiegħek;
b) Bil-pala ta' sieq waħda, nieħdu eżempju tas-sieq



7



7b

# SELF DEFENCE

## – UNARMED COMBAT

il-leminija, daħħalha tajjeb ma' l-arqub (Fig. 7b) ta' sieq minn ta' l-avversarju, u iġbed lejk kemm tista';

c) Fl-istess ħin il-pala tas-sieq l-opħa għamilha mal-ġewwieni u taħt ta' l-irkoppa ta' l-istess sieq ta' l-avversarju; (Fig. 7c);

d) Meta tara li s-saqajn it-tnejn qegħdin tajjeb, naturalment dan irid isir f'sekondi, kull m'għandek tagħmel huwa li; bis-sieq li qegħda tagħfas ma' l-arqub iġbed kemm għandek saħħa lejk, filwaqt li dik li qegħda taħt l-irkoppa imbotta lura. B'hekk tkun qiegħed tisbilanċja lil dak li jkun fejn naturalment żgur li jkollu jagħmel 'breakfall tajba' jekk ikun jaf għax il-bqija xi ftit jweġġa' żgur.

Biex ngħinkom agħtu titwila lejn (Fig 7, 7a-7b-7c).

Ħaġa oħra li nixtieq insemmi wkoll hi, li biex wieħed jipprattika dan il-moviment tajjeb, bilfors li jkollu bżonn 'partner' ieħor u r-raġuni hi ħalli wieħed jkun jista' jara u jħoss ir-reazzjoni li jkun irid jagħmel biex jikseb riżultat tajjeb.



7a

**Issa ngħaddu għal xi ħaġa oħra f'dak li huwa 'UNARMED COMBAT'.**

Qabel xejn nixtieq li nikkoreġi xi ħaġi minn tas-sensiela l-oħra f'paġna 37 taħt (Fig. 6B) u eżattament versi 5 u 6, fejn hemm miktub ta' l-armla trid tiġi ta' l-arja u eżattament taħtha l-kelma rebbieħ trid titranġa.

Niġi issa biex inkomplu aktar dwar 'holds' ċioè xi



7c




12







12a

jsarfu u kif wieħed għandu jagħmel biex jeħles mill-individwu. Il-mossa li sejjer ngħidilkom insejħulha (stomach grip). Ħarsu lejn (Fig. 12). Biex wieħed jeħles mill-avversarju li għandu, l-ewwel m'għandu jagħmel huwa dan li ġej:

a) Sejjer nirrepeti dak li dejjem spjegajt aktar 'il quddiem — TIPPANIKJAWX;

b) Toqgħodx iddur 'l hemm u 'l hawn, għax inkella ġiegħel lill-avversarju biex jissoda aktar fuq saqajh u jiġbdek lura. Allura qabel isir dan qis li tintrewa ftit 'il quddiem biex b'hekk tisbilanċja lill-avversarju. F'dan il-każ, ikun hawn li tkun tista' anzi aħjar tintlewa 'l hemm u 'l hawn u b'hekk tirbaħ iċ-ċans li twaqqa' lill-avversarju.

c) Peress li inti tkun qiegħed tiġi miżmum mill-qgħadt, qiegħed il-pali ta' idejk ponnijiet u bl-ekkiesi ta subgħajk għafas fuq wiċċ il-pala ta' l-idejn u fl-istess ħin waqt l-għafsa mexxi l-ponnijiet 'il fuq u 'l isfel. F'dak il-ħin l-avversarju jkollu jitilqek għax ikun weġġa' sewwa l-wiċċ tal-pala ta' l-id. Naturalment wara dan kollu inti tkun tista' tagħmel xi mossa oħra li żgur tkun tista' toħorġok rebbieħ.

Biex ngħinkom agħtu titwila lejn (Fig. 12, 12a u Fig. 12b).

Għal din il-ħarġa naħseb li biżżejjed. Niltaqgħu f'ħarġa oħra. Saħħa.



12b




12c

# Ħarsa lejn is-sena 1990

⇨ minn paġna 26



**21.8.90** Wara talba ta' l-Assoċjazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Intern Dr. U. Mifsud Bonnici żammu laqgħa li fiha ġie diskuss kif il-membri tal-Korp jista' jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar kif ukoll kif il-Korp inġenerali jista' jimxi aktar 'il quddiem fiċ-ċirkustanzi tal-lum. Il-Ministru saħaq li kull membru għandu jaħdem skond il-ġurament li ħa u ta' dan hu lest li jara l-welfare u l-effiċjenza tal-Korp ikollhom dak mistħoqq għalihom.

**14.9.90** L-Assoċjazzjoni kienet talbet laqgħa mal-Kummissjoni dwar ir-Riforma fis-Servizz Pubbliku. Din saret il-lum f'Kastilja li matulha wrejna l-fehmiet tagħna dwar kif għandhom jiġu kkunsidrati dawk ir-riformi li jirrigwardjaw il-Korp. F'dan l-istadju l-Kummissjoni fehmet iċ-ċirkustanzi skabrużi ta' xogħol li l-Pulizija huma suġġetti li jaħdmu u li għal ċerti raġunijiet oħra għandhom għaliex ikunu kkunsidrati distintivament minn ħaddiema oħra.




**4.11.90** Inżammet iċ-ċerimonja tat-tberik ta' l-oqbra tal-membri tal-Korp fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata li fiha sar talb flimkien maċ-Chaplain tal-Korp u tqegħdu l-kuruni mill-Kummissarju u mill-għaqdiet.



**20.12.90** Fl-Istitut Kattoliku t-tfal tal-membri tal-Korp ġew trattati waqt party tal-Milied fejn wara ngħataw ukoll rigali sbieħ skond l-età.

⇨ għal paġna 40

# Ħarsa lejn is-sena 1990

24.12.90 Fis-sala Vilhena saret quddiesa ta' lejlet il-Milied u l-kongregazjoni kbira li attendiet apprezzat ħafna l-priedka tat-tifel li saret għall-ewwel darba fid-Depot.

26.12.90 Il-ballu tal-Milied nżamm fil-Lukanda Verdala fejn l-attendenza kienet numeruża pjuttost aktar mis-soltu.

30.12.90 Kien hemm attendenza oħra kbira flimkien mal-Kummissarju u s-Sinjura Calleja għad-Dinner Dance tal-Milied li l-Entertainment Committee organizza fil-Lukanda Verdala.

Id-diversi taqsimiet, għases u uffiċini tal-Korp organizzaw ukoll xi party jew *get together* separatament fil-ġranet ta' l-aħħar tas-sena. Naturalment minbarra dawn l-attivitajiet kollha l-Assoċjazzjoni għamlet laqgħat oħra li matulhom jiġu diskussi dawn l-attivitajiet u l-organizzazzjoni tagħhom, minbarra xogħol ieħor li ma jsirx f'laqgħa iżda b'ħafna qadi u diskussjonijiet oħra ma nies barra l-Korp.


ZANUSSI FRIDGES & FREEZERS



**Z626/6D**

280lt capacity, defrost: automatic in the fridge, manual in the freezer, 40lt freezer capacity, ice box.

Complete range available with single door, 2 door and half and half.



- Up to date technology
- Highly functional characteristics
- Refined designs

DELTA HOMECENTRES

B'KARA, GŻIRA, ĦAMRUN, PAOLA & VALLETTA.

CHARLES BUTCHER

Wholesale & Retail Butchers

Bisazza Str., Sliema

Tel: 334535, 330635

Importers & distributors

No connection with any other firm Trading under the name of Charles Butcher

*Special Items Available*

- Scottish Aberdeen Angus beef
- Fillets
- Striploins
- Calf sweets breds
- Escargots with garlic butter filling
- Dutch milk fed veal fillets
- Dutch milk fed veal saddles
- Dutch milk fed veal Loins
- Dutch milk fed veal Ossobuco
- Dutch milk fed veal legs
- Dutch milk fed veal chops
- Escargots
- Headless Salmon
- Geese
- Wild Boar legs
- Wood pigeons
- Pheasants
- Partridges
- Quails

Suppliers to Hotels ❍ Restaurants ❍ Catering establishments

24 hours telephone answering service on 334535

MALTA POLICE

# DRUGS

## CRIMEPHONE

**Help the Police Fight Drug Abuse**

IF YOU HAVE ANY INFORMATION RING

# 243333

Leave your message on our 24 hour service-phone

All information treated as strictly confidential

# ONE THIRD IS COVERED BY LAND, TWO THIRDS BY WATER AND ALL OF IT BY CIGNA



CIGNA Corporation is one of the principal United States companies in the financial industry and has assets in excess of US$53.5 billion (1987) and a revenue of nearly US$17 billion. It operates in over 80 countries around the world and employs more than 48,000 people. This vast network and expertise enables Cigna to offer the best terms for

## ALL CLASSES OF INSURANCE

CIGNA

CIGNA Insurance Company of Europe s.a.-n.v. are represented exclusively in Malta by:

POTENTIA · ET · VI

**England Insurance Agency Ltd**

127 Old Theatre Street, Valletta. Tel: 225355, 237776.


A 10% SPECIAL DI...

ON PRIVATE MOTOR INSURANCE
IS ALLOWED TO
ALL MEMBERS OF THE POLICE FORCE

MALTA

30180
MR N AZZOPARDI
67 ST LEONARD
XAGHJRA
ZABBAR
POLICE